supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

8.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9. The selected candidates will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

10. On engagement, the selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address: http://www.mpo.gov.mt.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta CMR 02.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director, Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 22nd September, 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by Friday, 22nd September 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Department is +356-2124 5392).

14. a) Applications delivered by hand will be

Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni bizzejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern.

It-22 ta' Awissu, 2006

acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

b)Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, within seven (7) days.

22nd August, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Budget Officer* fil-*Budget Office*, Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Budget Officer* fil-*Budget Office* fil-Ministeru tal-Finanzi**.**

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt għal tliet snin bħala *Budget Officer* fil-Ministeru tal-Finanzi, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Budget Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-ħatra sustantiva tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal din il-ħatra sustantiva meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv mas-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad fi skala b'salarju ogħla minn Skala 10 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Budget Officer* u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-ħatra l-ġdida tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 10 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta permezz ta' *progression*, hi titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Budget Officer* fil-Ministeru tal-Finanzi hu ta' Lm5,590 fis-sena li jitla' b' Lm175 kull sena sa massimu ta' Lm6,640 fis-sena (Skala ta' Salarju 10). F'każ li persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Budget Officer in the Budget Office, Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the position of Budget Officer in the Ministry of Finance to carry out duties in the Budget Office.

2.1 The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as Budget Officer in the Ministry of Finance, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Budget Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry of Finance as well as with Maltese Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a higher salary scale than Salary Scale 10 of the Malta Public Service, he/she will be required to relinquish the duties of Budget Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new substantive appointment. Moreover, if the substantive basic salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 10 of the Malta Public Service through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The position of Budget Officer carries a salary of Lm5,590 per annum rising by annual increments of Lm175 per annum up to a maximum of Lm6,640 per annum (Salary Scale 10). In the case that a selected candidate is a Public Officer with a substantive grade in the Malta Public Service,

bejn is-salarju dovut għall-ħatra sustantiva tagħha u s-salarju ta' din il-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Id-doveri ewlenin ta' *Budget Officer* jinkludu:

a) Il-ġbir ta' Voti fil-*Budget* u/jew tbassir tad-Dħul fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern, kemm għas-sena finanzjarja li jmiss kif ukoll fuq bażi ta' Pjan għal tliet snin, u l-iskrutinju kontinwu tagħhom matul is-sena;

b) l-iskambju ta' korrispondenza ma' Ministeri oħra u mad-Dipartimenti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom għar-rigward ta' l-amministrazzjoni regolari tal-Voti u d-dettalji li minnhom il-Voti huma magħmula.

ċ) Evalwazzjoni bir-reqqa tat-talbiet biex jgħaddu flejjes minn żmien għall-ieħor lill-entijiet pubbliċi;

d) Għoti ta' pariri u rakkomandazzjonijiet meta jsiru talbiet għal bdil ta' prijoritajiet u talbiet għal żieda ta' fondi fil-Voti;

e) Suġġerimenti bl-iskop ta' nfiq anqas mill-istimi oriġinali fil-Voti u pariri fuq miżuri għal aġġustamenti fit-tbassir tad-Dħul biex ipattu għal xi andament negattiv matul is-sena;

f) Parteċipazzjoni f'laqgħat li jieħdu sehem fihom uffiċjali minn Ministeri u entijiet oħra u li, finalment, iwasslu għall-pubblikazzjoni ta' l-Estimi Finanzjarji;

g) Fuq bażi kontinwa, skrutinju tal-Voti taħt ir-responsabbiltà ta' l-Uffiċjal, b'analiżi ta' l-andament ta' dawn il-Voti matul is-sena, u bi stimi riveduti, għall-anqas darba fix-xahar;

h) Kumpilazzjoni ta' rapporti dettaljati u analitiċi fuq bażi kontinwa (bl-użu tal-programmi tal-kompjuter *Excel* u *Word*, bil-faċilitajiet li dawn jipprovdu) lill-Assistent Direttur rigward l-użu ta' fondi fil-Voti, bil-ħsieb li l-massimu ta' Nfiq tal-*budget*, kif approvat mill-Parlament, ma jinqabiżx u biex il-miri tad-Dħul jintlaħqu sa l-aħħar tas-sena; u

i) Responsabbli biex proġetti u programmi li jkunu ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea jkunu pprovduti bil-fondi neċessarji fil-*budget*, inkluż l-element tal-parti lokali fil-Voti taħt ir-responsabbiltà ta' l-Uffiċjal.

5. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom *first degree* rikonoxxuta, jew kwalifika xierqa komparabbli oħra, fil-*Management* jew f'oqsma relatati;

u

the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The duties of Budget Officer include, *inter alia*:

a) the compilation of several Budgetary Votes and/or Revenue Forecasts in the Financial Estimates of Government, both for the next following year and on a three-year roll-on Business Plan, and their continuous monitoring during the course of the year;

b) the exchange of correspondence with line Ministries and the Departments under their portfolio related to the day-to-day administration of the Votes and the Items within those Votes;

c) evaluation of requests for the release of periodic tranches to public entities;

d) providing advice in connection with requests for virements within the Votes and requests for additional funding;

e) identifying potential savings within the Expenditure Votes and addressing Revenue adjustments through remedial measures;

f) participating in meetings involving officials from other Ministries and public entities and, ultimately, in the formulation of the Financial Estimates publication;

g) monitoring on a continuous basis the Votes under the Officer's responsibility, analyzing the progress within the Votes and compiling revised estimates, at least on a monthly basis;

h) providing detailed continual analytic reports (using both linked-up Excel Sheets and Word facilities) to the Assistant Director on the utilization of funds within the Votes, with a view that the budgetary limits approved by Parliament are respected and the Revenue targets are attained by year-end; and

i) ensuring the inclusion of funding in respect of EU-financed projects and programmes and their corresponding local co-financing element, within the Votes for which the Budget Officer is in charge of.

5.1 Applicants must be:

a) citizens of Malta;

b) in possession of a recognised first degree or an appropriate comparable qualification in Management or related fields of study;

and

(ċ) ikunu ta' karattru morali sod (applikanti li huma impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record* waqt li l-applikanti li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li jkunu jafu tajjeb l-*IT* u l-*Accounts*.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

c) of a good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or a competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have been in Malta Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to candidates with a sound knowledge of IT and Accounts.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413) even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applications; originals to be produced for verification at the interview).

7.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fuq in-*notice- board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u f'dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi.

8.3 Jiġi ppubblikat avviz dwar ir-riżultat ta' l-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż tal-Gazzetta tal-Gvern.

9. Persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

10. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex Uffiċjali Pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma Uffiċjali Pubbliċi *(skond kif applikabbli)*, liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta, CMR 02, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Settembru 2006.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta, CMR 02.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 22 ta' Settembru 2006, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa +365 21251356.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry of Finance.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address: http://www.mpo.go.mt

11. Applications together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 22nd September 2006.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Personnel Section, Department of Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 22nd September 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Director Corporate Services, Ministry of Finance, is +356 21251356.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi.

It-22 ta' Awissu, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - Viċi Diretturi

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jimla l-pożizzjonijiet li ġejjin:

Viċi Direttur – *Institute of Business and Commerce*
Viċi Direttur – *Institute of Electrical and Electronics Engineering*

Il-kandidati magħżula għandhom ikunu kapaċi bil-provi biex jimmotivaw u jmexxu membri ta' *team* biex jilħqu l-għanijiet stipulati mill-Bord ta' Gvernaturi ta' l-MCAST. Għandhom juru inizjattiva, ikunu kapaċi f'sens intraprenditorjali biex jgħinu fit-tmexxija ta' l-Istitut bħala *unit* effiċjenti u li jkun biżżejjed għall-paragun tal-flus li jintefqu, ikunu kapaċi jaħdmu f'*team*, u jkunu flessibbli biex iwettqu dmirijiethom kollha marbuta mat-tmexxija ta' kuljum ta' l-Istitut.

Min jinħatar ikun meħtieġ li jwettaq d-dmirijiet li jinghatawlu mid-Direttur ta' l-Istitut, inkluż li jaġixxi f'isem id-Direttur kif ikun meħtieġ.

Jintlaqgħu applikazzjonijiet minn kandidati li għandhom ta' l-anqas 5 snin esperjenza fil-*management*, flimkien ma' ta' l-anqas tliet snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* relatati mas-suġġetti prinċipali mgħallma fl-Istitut. It-tagħlim u l-*management* jistgħu jkunu flimkien jekk il-persuna involuta tkun okkupat pożizzjoni għolja waqt li kienet għadha tgħallem.

Fil-bidu l-kandidati magħżula jkunu ingaġġati fuq kuntratt definit ta' tliet snin, li wara jiġġedded, soġġett għal riżultati sodisfaċenti.

Il-post ta' Viċi Direttur huwa soġġett għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u jinvolvi perijodu ta' sena bi prova.

Il-kandidati prospettivi għandhom jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni li jkunu mlew, flimkien ma' l-*employment history sheet* tagħhom li tinkiseb mill-ETC mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, il-11 ta' Settembru, 2006.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, and a receipt given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, within seven (7) days.

22nd August, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Deputy Directors

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the following positions:

Deputy Director - Institute of Business and Commerce
Deputy Director - Institute of Electrical and Electronics Engineering

The selected candidates will have proven ability to motivate and lead team members to achieve objectives set by the MCAST Board of Governors. They will show initiative, possess entrepreneurial skills to help run the Institute as an efficient and cost-effective unit, be able to work in a team, and be flexible in carrying out any duties connected with the day-to-day running of the Institute.

The appointees will be required to perform duties as are delegated to them by the Director of Institute, including that they act on the Director's behalf as may be necessary.

Applications are invited from candidates who have a minimum of 5 years management experience, together with a minimum of 3 years teaching/lecturing experience related to the main disciplines taught at the Institute. Teaching and management may overlap if the person involved has held a senior position whilst still teaching.

The successful applicants will initially be engaged on a three year definite contract, renewable thereafter subject to satisfactory performance.

The post of Deputy Director is subject to a forty hour week and entails a probationary period of one year.

Prospective candidates are invited to submit the completed application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 11 September 2006, at noon.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *on-line* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani ta' l-MCAST, għandhom ikunu indirizzati għall-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-indirizz ta' hawn taħt. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, PLA 08, Tel: 23987100, Fax: 23987316, www.mcast.edu.mt

Permess ta' l-ETC Nru: 140/2006

It-22 ta'Awissu, 2006

Applications, which are available online and from the MCAST Human Resources Office, are to be addressed to the Human Resources Office at the address below. Late applications will not be considered.

MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, Tel: 23987100 *Fax*: 23987316, www.mcast.edu.mt

ETC Permit No: 140/2006

22nd August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi – Lecturing staff

Il-Kulleġġ Malti ta' l-arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ *lecturing staff, full-time* għal kull wieħed mill-oqsma li jidhru hawn taħt:

Ħiliet Bażiċi (Permess ta' l-ETC 128/2006)

Applikanti għandu jkollhom *first degree* (B.Ed. Hons. jew B.A.) f'qasam relevanti għat-tagħlim fil-Kapaċitajiet Bażiċi: jitgħallmu jiktbu u jaqraw (bl-Ingliż u bil-Malti), l-Aritmetika u IT bażiku. Għal dan il-post tingħata preferenza lill-applikanti li għandhom lawrija B.Ed. (Hons.) u li speċjalizzaw fit-tagħlim ta' l-Aritmetika/Matematika. Jiġi kkunsidrat ta' vantaġġ min ikollu esperjenza f'xogħol ma' adulti żgħażagħ, fit-tmexxija u evalwazzjoni ta' studenti, u fil-preparazzjoni ta' materjal gradat għat-tagħlim.

Kandidati magħżula jkunu mistennija jgħallmu skond programmi bażiċi biex ikunu jafu jiktbu u jaqraw u Aritmetika, Komunikazzjoni u IT bażiku għal studenti li ma jkollhomx il-livelli meħtieġa ta' kapaċità f'dan it-tagħlim.

Komunikazzjoni fuq il-Baħar u Koordinazzjoni Marittima ta' *Search and Rescue* (Permess ta' l-ETC 130/2006)

Il-kandidati għandu jkollhom jew Ċertifikat validu ta' *Officer in Charge of Navigational Watch Certificate of Competence,* rikonoxxut mill-Awtorità Marittima ta' Malta u *GMDSS General Operators Certificate,* u tliet snin servizz fuq il-baħar f'dik il-kariga, jew ikollhom ħames snin esperjenza

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies – Lecturing staff

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit full-time lecturing staff for each of the areas indicated below:

Basic Skills (ETC Permit 128/2006)

Applicants should have a first degree (B.Ed. Hons. or B.A.) in a relevant area related to the teaching of Basic Skills: Literacy (Maltese and English), Numeracy and basic IT. For this post preference will be given to applicants who are in possession of a B.Ed. (Hons.) degree with a specialisation in teaching Numeracy/Mathematics. Experience of working with young adults, in the screening and evaluation of students, and in the preparation of graded learning materials will be considered an asset.

The selected candidate will be required to teach on programmes in basic Literacy and Numeracy, Communication and basic IT for students who do not have the required levels of ability in these basic skills.

Marine Communications and Maritime Search and Rescue Coordination (ETC Permit 130/2006)

Candidates should either hold a valid Officer in Charge of a Navigational Watch Certificate of Competence, recognized by the Malta Maritime Authority and a GMDSS General Operators Certificate, and three years sea-going service in that capacity, or have five years experience in positions in

fil-pożizzjonijiet fil-qasam ta' komunikazzjoni bir-radju fuq il-baħar u *GMDSS General Operators Certificate*.

L-applikanti għandhom ikunu ġew iggwidati b'mod xieraq ta' kif jgħallmu billi jużaw *simulators* u jkunu ħadu esperjenza prattika fil-ħidma fuq it-tip prattiku ta' *simulator* li qed jintuża fuq *STCW courses,* u huwa meħtieġ li kienu impjegati fil-qasam ta' *Maritime Search and Rescue (Operational)* għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin.

Matematika (Sostitut Każwali) (Permess ta' l-ETC 132/2006)

Il-kandidati għandu jkollhom B.Ed. (Hons.) degreebi speċjalizzazzjoni fil-Matematika, jew *degree* fil-Matematika u, preferibbilment, PGCE.

Applikanti għandhom jissottomettu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST flimkien ma' l-*employment history sheet* ta' l-ETC li tinkiseb mill-ETC fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-indirizz imsemmi hawn taħt, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-28 ta' Awissu, 2006 f'nofsinhar. Formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, PLA08, Tel: 23987100, Fax: 23987316 – www.mcast.edu.mt

It-22 ta' Awissu, 2006

the field of maritime radio communications and a GMDSS General Operators Certificate.

Applicants should also have received appropriate guidance in instructional techniques involving the use of simulators and gained practical operational experience on the practical type of simulator being used on STCW courses, and they must have been employed in the field of Maritime Search and Rescue (Operational) for a period of not less than three years.

Mathematics (Casual Substitute) (ETC Permit 132/2006)

Candidates should have a B.Ed. (Hons.) degree with a specialisation in Mathematics, or a degree in Mathematics and, preferably, a PGCE.

Applicants are invited to submit the MCAST Application Form, together with their ETC employment history sheet available from the ETC to the Human Resources Office at the address below, by not later than Monday, 28 August 2006, at noon. Applications forms are available online and from the Human Resources Office. Late applications will not be considered. Further information may be obtained from the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA08, Tel: 23987100, Fax: 23987316 – www.mcast.edu.mt

22nd August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *Part-time Lecturing Staff*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet mingħand Periti u Inġiniera speċjalizzati fis-Servizzi Mekkaniċi, Elettriċi u/jew ta' Kostruzzjoni, li jixtiequ jagħtu *lectures* fuq bażi *part-time* f'korsijiet li jwasslu għal *BTEC National Diploma* u l-*Higher National Diploma in Construction (Level 4)*, u fis-Servizzi ta' Kostruzzjoni (HVAC), *Production and Management (Land Surveying)* u *Project Management.* Persuni li għandhom 10 snin esperjenza industrijali u jkollhom il-kwalifiki relevanti fis-suġġett, jiġu wkoll ikkunsidrati.

Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jagħtu medja ta' erba' sigħat *lectures* fil-ġimgħa.

L-applikanti huma mitluba biex jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni tal-Kulleġġ li jkunu mlew, li tinkiseb *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, flimkien ma' l-*employment history*

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Part-time Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications from Architects and Civil Engineers and from Engineers specialised in Mechanical, Electrical and/or Building Services, who are willing to deliver lectures on a part-time basis on the courses leading to the BTEC National Diploma and the Higher National Diploma in Construction (Level 4), and in Building Services (HVAC), Production and Management (Land Surveying) and Project Management. Persons who have 10 years industrial experience and possess relevant qualifications in the subjects, will also be considered.

The selected candidates will be required to deliver an average of four hour lectures per week.

Applicants are requested to submit the completed College Application Form, available online and from the Human Resources Office, together with their employment history

sheet tagħhom li tinkiseb mill-ETC mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, l-4 ta' Settembru, 2006, f'nofsinhar. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati għall-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, PLA 08, Tel: 23987100, Fax: 23987316, www.mcast.edu.mt

Permess ta' l-ETC 135/2006

It-22 ta' Awissu, 2006

sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 4 September 2006, at noon. Applications are to be addressed to the Human Resources Office at the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, Tel: 23987100, Fax: 23987316, www.mcast.edu.mt

ETC Permit No. 135/2006

22nd August, 2006

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Applikazzjonijiet għall-Post Akkademiku
(Junior College)

Il-qasam ta' l-ispeċjalizzazzjoni huma fil-Bijoloġija, fil-Kimika u fil-Fiżika.

2. Il-kandidati jrid ikollhom kwalifiki ta' livell għoli fis-suġġett. Esperjenza fit-tagħlim u kwalifika fil-livell tal-*post-secondary* fis-suġġett jiġu kkunsidrati. Min jinħatar irid jaqdi dmirijietu fil-*Junior College* u skond il-ħtiġiet ta' l-Università.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Lettur jew Assistent Lettur.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:-

Lettur - Lm8,653 li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 fis-sena għal Lm9,253.
Assistent Lettur - Lm7,480 li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 fis-sena għal Lm8,080.
Jekk ikollu *Master's degree:* Lm7,916 li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 fis-sena għal Lm8,516.

Dawk li jintgħażlu jista' jkollhom is-salarju tagħhom aktar mill-minimu ta' l-iskala tas-salarju rispettiv.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u l-indirizzi ta' *referees* lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06 sa nofsinhar tal-Ħamis, is-7 ta' Settembru 2006. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

It-22 ta' Awissu, 2006

UNIVERSITY OF MALTA

Applications for an Academic Post
(Junior College)

The required areas of specialisation are in Biology, Chemistry and Physics.

2. Candidates must be in possession of high level qualifications in the subject. Teaching qualifications and experience at post-secondary level in the subject will be considered as an asset. Appointees will be required to perform duties at the Junior College and as may be required by the University.

3. Appointments may be made in the grade of Lecturer or Assistant Lecturer.

The salaries attached to the respective grades are:-

Lecturer - Lm8,653 rising by annual increments of Lm200 to Lm9,253.
Assistant Lecturer - Lm7,480 rising by annual increments of Lm200 to Lm8,080.
If in possession of a Master's degree: Lm7,916 rising by annual increments of Lm200 to Lm8,516.

Appointees may be placed at a point above the minimum in the respective scalary scale as appropriate.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building, University of Malta, Msida MSD 06 by noon of Thursday, 7th September 2006. Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

22nd August, 2006

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Nhar il-31 ta' Lulju 2006 il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent nieda kompetizzjoni internazzjonali għal *master plan* fit-tul biex jiġi rijabilitat il-Maghtab Waste Management Complex (limiti tan-Naxxar), isir it-tisbiħ tiegħu u jiġi ddeterminat l-aħjar użu li jista' jkollu.

Parteċipanti li jkunu kwalifikati jistgħu jissottomettu disinji għal dan il-proġett. L-aħjaj sottomissjoni tintgħażel minn ġurija ta' esperti magħmula minn Maltin u barranin b'fama internazzjonali u b'kompetenza fil-qasam tal-proġett.

Ir-reġistrazzjoni bdiet fl-1 ta' Awissu 2006 u tagħlaq fid-29 ta' Awissu 2006. Id-data ta' l-għeluq għas-sottomissjonijiet tal-kompetizzjoni hija s-27 ta' Ottubru 2006.

Iktar dettalji li jinkludu l-formola tar-reġistrazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni qegħdin fuq il-*website* http://www.mrae.gov.mt/mpcompetition.asp. Il-formola tar-reġistrazzjoni tista' tintalab ukoll bil-*fax* fuq +356 2295 2231.

It-22 ta' Awissu, 2006

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

The Ministry for Rural Affairs and the Environment is pleased to announce an international landscape design competition for the long term rehabilitation masterplan of the waste management complex at Maghtab (limits of Naxxar).

Suitably qualified participants will be able to submit designs, with the winning design concept being selected by a panel of judges composed of a number of local and international experts competent in various fields relevant to the project.

The competition was launched on 31st July 2006, with registration beginning on 1st August 2006 and closing on 29th August 2006. The closing date for the reception competition submissions is 27th October 2006.

Further details, including Registration Form, competition conditions and design brief can be found at the following website http://www.mrae.gov.mt/mpcompetition.asp. The Registration Form can also be requested by fax on +356 2295 2231.

22nd August, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' l-AQA Jannar 2006

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati illi ċ-ċ ertifikati ta' l-eżamijiet ta' l-AQA Jannar 2006 hawn fuq issa waslu u jistgħu jinġabru kif ġej:–

Kandidati f'Malta
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
il-Furjana

Importanti

Il-kandidati għandhom jiftakru li ċ-ċertifikati jistgħu jinġabru billi jippreżentaw il-Karta ta' l-Identità tagħhom u l-karta tar-riżultat.

Jekk ir-riżultat jinġabar mill-ġenitur, għandhom jintwerew il-Karta ta' l-Identità tal-ġenitur u tal-kandidat.

It-22 ta' Awissu, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

AQA January 2006 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of the AQA January 2006 Examinations have now been received and can be collected as follows:–

Malta candidates:
Examinations Department,
Floriana

Important

Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their Identity Card and result slip.

If the certificate is collected by the parent, the I.D. Card of both the parent and the candidate should be presented.

22nd August, 2006

TREASURY CALENDAR FOR THE MONTH OF SEPTEMBER 2006

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
	TB Tender Date			1 TB Issue of 91 days maturing 1 December 2006
4	5 TB Tender Date	6	7 TB Issue of 91 days maturing 7 December 2006 and 274 days maturing 8th June 2007	8 **National Holiday**
11	12 TB Tender Date	13	14	15 TB Issue of 91 days maturing 15 December 2006 and 182 days maturing 16 March 2007
18	19 TB Tender Date	20	21 **National Holiday**	22 TB Issue of 363 days maturing 20 September 2007
25	26 TB Tender Date	27	28	29 TB Issue of 28 days maturing 27 October 2006 and 182 days maturing 30 March 2007

TB denotes Treasury Bills

Notes: –

1. Treasury Bills Auctions are accepted every Tuesday and settled the following Friday.
2. When either of these days falls on a Public Holiday the event takes place on the first working day immediately before.
3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.
4. Bids may be made on the application form (available from the Treasury) or by fax on a number registered with, and recognised by the Treasury.
5. Only bids which reach the Treasury (Tender Box or Fax Nos. 25967210) by 10.00 a.m. on the tender date will be accepted.
6. 28 days tenure minimum amount tender Lm100,000, other tenures Lm20,000 minimum.
7. With regard to the tenure the following days will apply:

1 month = 28 days	9 months = 273 days
3 months = 91 days	12 months = 364 days
6 months = 182 days	

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same price per Lm100 as that for which he has tendered for the whole amount.
9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day and payment must be made payable to the Accountant General by means of cash or cheques by not later than 10.00 a.m on the date on which the relative Bills are dated.
10. In the instance were Lm 50,000 and over is accepted, the amount due is to be effected by Bank transfer to the credit of the Public Account (Acc No. 40001 MTL-CACM-001-Q) with the Central bank. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill. A copy of the relative bank transfer is to be furnished to the Treasury before 10.00 am on the date on which the relative Bills are dated.
11. Only offers with a definite price will be considered.
12. The Government reserves the right of not accepting any tender.

22nd August, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti maghluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-24 ta' Awissu, 2006, għal:

CT 272/2006. Bini ta' Dawret l-Imtarfa, *(North Bound)* - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 280/2006. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' *portable wheel washing unit* fl-entratura tal-Kumpless għall-Immaniġġjar ta' l-Iskart fil-Maghtab - WasteServ Malta Limited. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 281/2006. Provvista ta' *bullet proof over vests* - Dipartiment tal-Pulizija. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 282/2006. Provvista b'kiri ta' *blood count reagents with analysers* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 283/2006. Kiri ta' karozzi *chauffer-driven* għall-funzjonijiet uffiċjali (2006-2007) - Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-29 ta' Awissu, 2006, għal:

CT 273/2006. Provvista ta' *human biosynthetic biphasic insulin cartridges* - Diviżjoni tas-Saħħa. Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Lulju 2006.

CT 285/2006. Provvista ta' *backhoe loader* ġdid lit-Taqsima tal-Manifattura u Servizzi tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 286/2006. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' servizzi ta' bini fil-*backstage facilities* f'81, Triq Zekka, Valletta - Teatru Manoel. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 287/2006. Provvista ta' *sterile single needle cartridges* għall-użu fuq *Cobe Centry 3* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 288/2006. Provvista b'kiri ta' *blood count reagents* b'żewġ (2) *analysers* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 289/2006. Provvista ta' *hearing aids* għat-tfal b'*mild to moderate hearing loss* - Diviżjoni tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 24th August, 2006, for:

CT 272/2006. Construction of Mtarfa Bypass, Mtarfa (North Bound) - Roads Directorate. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 280/2006. Supply, delivery, installation and commissioning of a portable wheel washing unit at the entrance of the Maghtab Waste Management Complex - WasteServ Malta Limited. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 281/2006. Supply of bullet proof over vests - Police Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 282/2006. Supply of blood count reagents with analysers on loan - Health Division.

CT 283/2006. Hire of chauffeur driven cars during official functions (2006-2007) - Ministry of Foreign Affairs. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 29th August, 2006, for:

CT 273/2006. Supply of human biosynthetic biphasic insulin cartridges - Health Division. The EU Contract Notice was dispatched on the 5th July 2006.

CT 285/2006. Supply of a brand new backhoe loader to the Manufacturing and Services Section of the Department of Projects and Development - Ministry for Gozo. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 286/2006. Supply, delivery, installation and commissioning of building services at backstage facilities at 81, Triq Zekka, Valletta - Manoel Theatre. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 287/2006. Supply of sterile single needle cartridges for use on Cobe Centry 3 - Health Division.

CT 288/2006. Supply of blood count reagents with two (2) analysers on loan - Health Division.

CT 289/2006. Supply of hearing aids for children with mild to moderate hearing loss - Health Division.

CT 290/2006. Provvista ta' *alcoholic hand rub* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 291/2006. Provvista ta' *hepatitis C per kits* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-31 ta' Awissu, 2006, għal:

CT 274/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *isosorbide dinitrate 0.1% x 10ml* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-7 ta' Lulju 2006.

CT 275/2006. Provvista ta' *biphosphorates* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-7 ta' Lulju 2006.

CT 277/2006. Provvista ta' kotba għal-Librerija Legali ta' l-UE u apparat ta' *video conferencing* - Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għal Malta tat-*Transition Facility* 2004. *(Budget* allokat: Euros 115,000 mingħajr V.A.T.).

CT 292/2006. Provvista ta' *cannula IV 20FG* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 296/2006. Provvista ta' *gres paving*, madum tal-ħajt, xogħlijiet ta' rħam u *sanitary ware* fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 297/2006. Xogħol ta' restawr fil-faċċati ta' l-Auberge de Provence, Triq ir-Repubblika, Valletta - Patrimonju Kulturali Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-5 ta' Settembru, 2006, għal:

CT 278/2006. Bini ta' ċentru tal-viżitaturi f'Ħaġar Qim u l-Imnajdra, limiti tal-Qrendi, Malta - Patrimonju Kulturali Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm75 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Strutturali, Programm għal Malta 2004 –2006. *(Budget* allokat: Lm375,240 inkluż V.A.T.).

CT 295/2006. Xogħol ta' tlestija fl-estensjoni tal-laboratorju f'Kordin ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* - l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 290/2006. Supply of alcoholic hand rub - Health Division.

CT 291/2006. Supply of hepatitis C per kits - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 31st August, 2006, for:

CT 274/2006. Supply of isosorbide dinitrate 0.1% x 10ml injections - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 7th July 2006.

CT 275/2006. Supply of biphosphorates - Health Division.

Advt. No. 193. Sale tale quale of premises No. 11, under Binja tal-Wejter, Ent. A, Birkirkara, Triq il-Qasab. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm7,000 will not be considered.

Advt. No. 194. Sale tale quale of premises No. 25, Birżebbugia, Triq Robert Baden Powell, Tal-Papa, Phase III. Offers below Lm5,400 will not be considered.

Advt. No. 195. Sale tale quale of premises No. 38, Birżebbugia, Triq Florence Nightingale, Tal-Papa, Phase III. Offers below Lm5,400 will not be considered.

Advt. No. 196. Sale tale quale of premises No. 11, under Blocks 1 - 5, Kirkop, Triq Karlu Darmanin. Offers below Lm10,000 will not be considered.

Advt. No. 197. Sale tale quale of premises No. 18, under Blocks 1 - 5, Kirkop, Triq Karlu Darmanin. Offers below Lm4,800 will not be considered.

Advt. No. 198. Sale tale quale of premises No. 15, under Binja Ħarriġiet, Mqabba, Triq il-Ħarriġiet. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm4,500 will not be considered.

Advt. No. 199. Sale tale quale of premises No. 27, under Binja Ħarriġiet, Mqabba, Barrieri Street. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions

skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm5,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 200. Bejgħ *tale quale* tal-ħanut Nru. 3, Ent 170, l-Imsida, Triq il-Wied. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm26,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 201. Bejgħ *tale quale* ta' l-uffiċċju Nru. 3, fuq ħanut 1, l-Imsida, Triq il-Wied. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm33,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 202. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 7, taħt Blokk A, Binja Buqana, l-Imtarfa, Triq ir-Reġimenti Maltin. Offerti taħt Lm5,600 ma jiġux ikkunsidrati

Avviż Nru. 203. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 14, taħt Blokki A u B, Binja l-Marġ, l-Imtarfa, Triq Sir Leslie Rundle. Offerti taħt Lm5,400 ma jiġux ikkunsidrati

Avviż Nru. 204. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 9, taħt Binja Sgħajtar, in-Naxxar, Triq il-Bajtar. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/maisonettes sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm8,100 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 205. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 6, Sit A, taħt Blokk 5, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm5,400 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 206. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 4, Sit B, taħt Blokk 13, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm6,200 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 207. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 1, Sit Ċ, Pembroke, Trejqet Nazju Falzon ma' Triq Burma. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena

laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm5,800 will not be considered.

Advt. No. 200. Sale tale quale of Shop No. 3, Ent. 170, Msida, Triq il-Wied. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm26,000 will not be considered.

Advt. No. 201. Sale tale quale of office No. 3, overlying Shop 1, Msida, Triq il-Wied. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm33,000 will not be considered.

Advt. No. 202. Sale tale quale of premises No. 7, under Block A, Binja Buqana, Mtarfa, Triq ir-Regimenti Maltin. Offers below Lm5,600 will not be considered.

Advt. No. 203. Sale tale quale of premises No. 14, under Blocks A and B, Binja l-Marġ, Mtarfa, Triq Sir Leslie Rundle. Offers below Lm5,400 will not be considered.

Advt. No. 204. Sale tale quale of premises No. 9, under Binja Sgħajtar, Naxxar, Triq il-Bajtar. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm8,100 will not be considered.

Advt. No. 205. Sale tale quale of premises No. 6, Site A, under Block 5, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm5,400 will not be considered.

Advt. No. 206. Sale tale quale of premises No. 4, Site B, Pembroke, under Block 13, Triq Pietro Darmenia. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm6,200 will not be considered.

Advt. No. 207. Sale tale quale of premises No. 1, Site C, Pembroke, Trejqet Nazju Falzon/Triq Burma. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions

skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm5,300 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 208. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 49, Sit D, Pembroke, Triq Salvatore Castaldi. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm5,800 ma jigux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 209. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 7, taħt *Maisonettes* 25 - 36, Pembroke, Sit F, Triq Gioacchino Le Brun. Offerti taħt Lm5,600 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 210. Bejgħ *tale quale* tal-maħżen Nru. 18, l-Isla, Triq San Filippu. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm8,600 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 211. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 6, fuq *plots* 4 u 5, iż-Żejtun, Triq il-Kastellani. Offerti taħt Lm6,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-22 ta' Awissu, 2006

laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm5,300 will not be considered.

Advt. No. 208. Sale tale quale of premises No. 49, Site D, Pembroke, Triq Salvatore Castaldi. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm5,800 will not be considered.

Advt. No. 209. Sale tale quale of premises No. 7, under Maisonettes 25 - 36, Pembroke, Site F, Triq Gioacchino Le Brun. Offers below Lm5,600 will not be considered.

Advt. No. 210. Sale tale quale of a store No. 18, Senglea, Triq San Filippu. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm8,600 will not be considered.

Advt. No. 211. Sale tale quale of premises No. 6, on plots 4 and 5, Żejtun, Triq il-Kastellani. Offers below Lm6,800 will not be considered.

Tender forms may be obtained from the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, during office hours.

22nd August, 2006

DIPARTIMENT TAL-BINI U TISWIJA TA' DJAR

Id-Direttur tal-Bini u Tiswija ta' Djar jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 519. Provvista u twaħħil ta' twieqi bil-persjani ta' l-injam fi Blokki 1-2, Triq San Ġwann, Bormla.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm3 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar informazzjoni jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts* u *Procurement,* Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi OC, Sta Venera, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jitniżżlu wkoll minn www.mfss.gov.mt.

It-22 ta' Awissu, 2006

DEPARTMENT OF HOUSING CONSTRUCTION AND MAINTENANCE

The Director of Housing Construction and Maintenance notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 1st September, 2006 for:–

Advt. No. 519. Supply and installation of timber louvered windows at Blocks 1-2, Triq San Ġwann, Cospicua.

A fee of Lm3 is to be paid for every copy of tender document.

Forms of tender and further information may be obtained from the Accounts and Procurement Section, Department of Housing Construction and Maintenance, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi OC, Sta. Venera on any working day between 8.30 a.m. and noon.

The tender documents may also be downloaded from www.mfss.gov.mt.

22nd August, 2006

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2006, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), Direttorat tat-Toroq, Triq Agius De Soldanis, Birkirkara, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. RD57/06. Xogħlijiet ta' traqqigħ bl-asfalt fit-toroq prinċipali April 2006 - Reġjun tat-Tranuntana.

Avviż Nru. RD 58/06. Xogħlijiet ta' traqqigħ bl-asfalt fit-toroq prinċipali April 2006 - Reġjun tan-Nofsinhar.

Avviż Nru. RD59/06. Xogħlijiet ta' traqqigħ bl-asfalt fit-toroq prinċipali April 2006 - Reġjun tal-Lvant.

Avviż Nru. RD 60/06. Xogħlijiet ta' traqqigħ bl-asfalt fit-toroq prinċipali April 2006 - Reġjun tal-Punent.

Il-formoli tad-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar għall-ħlas ta' Lm50.00.

It-22 ta' Awissu, 2006

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Malta Transport Authority (ADT) Roads Directorate, Triq Agius De Soldanis, Birkirkara, up to 10.00 a.m. of Friday, 1st September, 2006, for:-

Advt No. RD 57/06. Asphalting patching works on Main Roads April 2006 - North Region.

Advt No. RD 58/06. Asphalting patching works on Main Roads April 2006 - South Region.

Advt No. RD 59/06. Asphalting patching works on Main Roads April 2006 - East Region.

Advt No. RD 60/06. Asphalting patching works on Main Roads April 2006 - West Region.

Forms of tender documents may be obtained from the Malta Transport Authority, on any working day between 8.30 a.m. and noon at a fee of Lm50.00.

22nd August, 2006

AWTORITÀ MALTIJA DWAR IT-TRASPORT

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-29 ta' Awissu, 2006 fil-kaxxa ta' l-offerti mmarkata "A" fl-uffiċċju ta' l-Awtorità Maltija dwar it-Trasport, Triq Sa Maison, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 007/CSD/2002/02. Provvista ta' servizzi mediċi.

Il-formoli tad-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi ta' l-istess Awtorità f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar fuq ħlas ta' Lm10.

It-22 ta' Awissu, 2006

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box marked "A" at the office of the Malta Transport Authority, Triq Sa Maison, Floriana, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 29th August, 2006 for:-

Advt. No. 007/CSD/2002/02. Provision of medical services.

Forms of tender documents may be obtained from the Corporate Services Directorate of the same Authority on any working day between 8.30 a.m. and noon at a fee of Lm10.

22nd August, 2006

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

Iċ-*Chairman,* Malta Industrial Parks Ltd, jgħarraf illi:

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-29 ta' Awissu, 2006, fl-uffiċini tal-Malta Industrial Parks Ltd, UB8, Qasam Industrijali ta' San Ġwann, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. MIP/TQF/GEN/D13/06. Tiswijiet ta' pjanċi ta' l-azzar għas-saqaf, kanali, eċċ lill-fabbriki f'diversi oqsma industrijali.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. MIP/TQF/GEN/D16/06. Provvista u twaħħil ta' diviżorji ta' l-azzar lill-fabbriki f'diversi oqsma industrijali.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti u tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mingħand l-uffiċċju tal-Malta Industrial Parks Ltd. UB8 fil-Park Industrijali ta' San Ġwann f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

It-22 ta' Awissu, 2006

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

The Chairman, Malta Industrial Parks Ltd, notifies that:

Sealed tenders will be received at the offices of the Malta Industrial Parks Ltd, UB8 San Ġwann Industrial Estate up to 10.00 a.m. on Tuesday, 29th August, 2006, for:–

Advt. No. MIP/TQF/GEN/D13/06. Repairs to steel roof sheeting, gutters, etc to factories at various industrial estates.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Advt. No. MIP/TQF/GEN/D16/06. Supply and fixing of steel partition walls to factories at various industrial estates.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Forms of tenders and further information may be obtained from the offices of Malta Industrial Parks Ltd. UB8 at San Ġwann Industrial Estate on any working day between 8.30 a.m. to 11.30 a.m.

22nd August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-30 ta' Awissu 2006, jilqa' dokumenti ta' l-offerti fil-kaxxa ta' l-offerti apposta, minn persuni interessati għal:-

Avviż. Nru. MCAST T. 10/06. Provvista u stallazzjoni ta' twaħħil ta' madum tal-ħajt, ta' l-art u oġġetti sanitarji fil-VTTU u l-uffiċċji adjaċenti, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, *Fax*: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta xi offerti jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

It-22 ta' Awissu, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tender documents should be deposited in the appropriate tender box up to 2.00 p.m. of Wednesday, 30th August, 2006, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T. 10/06. Supply and installation of tiling, flooring and sanitary ware at the VTTU and adjoining offices, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola.

A fee of Lm20 should be paid for each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

Late offers will not be accepted.

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantageous.

22nd August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-30 ta' Awissu 2006, jilqa' dokumenti ta' l-offerti fil-kaxxa ta' l-offerti apposta, minn persuni interessati għal:-

Avviż. Nru. MCAST T. 08/06. Provvista u konsenja ta' *canteen furniture* fl-MCAST Main Campus.

Avviż. Nru. MCAST T. 09/06. Provvista u konsenja ta' *computer hardware* fl-MCAST Main Campus.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, *Fax*: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta xi offerti jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

It-22 ta' Awissu, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tender documents should be deposited in the appropriate tender box up to 2.00 p.m. of Wednesday, 30th August, 2006, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T. 08/06. Supply and delivery of canteen furniture at MCAST Main Campus.

Advt. No. MCAST T. 09/06. Supply and delivery of computer hardware at MCAST Main Campus.

A fee of Lm20 should be paid for each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

Late offers will not be accepted.

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantageous.

22nd August, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi offerti magħluqin jintlaqgħu fil-Ministeru għal Għawdex, Sezzjoni ta' l-*Accounts*, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi sa l-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2006 għal:

Avviż Nru: WB 31/2006. Xogħlijiet strutturali fil-Qrati tal-Ġustizzja, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokumenti ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jinkisbu mill-Fergħa tax-Xogħlijiet, ir-Rabat, Għawdex f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-22 ta' Awissu, 2006

MINISTRY FOR GOZO

The Director Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services by not later than 10.00 a.m. of Friday, 1st September, 2006 for:

Advt. No: WB 31/2006. Structural works at Gozo Law Courts.

A fee of Lm5 is to be payed for every copy of tender documents.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms, which together with the relative conditions, can be obtained from the Works Branch, Victoria, Gozo, on any working day during office hours.

22nd August, 2006

AĠENZIJA SAPPORT

Iċ-*Chief Operations Officer* ta' l-Aġenzija Sapport tal-Foundation for Social Welfare Services fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Settembru 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċji ta' l-Aġenzija fi Blokk A, Town Centre, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa, għal:-

Avviż Nru. 1/2006. Provvista u stallazzjoni ta' *hydraulic lift* f'Dar 19, Triq il-Madonna tal-Grazzja, Bormla.

Għandu jithallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju ta' l-Aġenzija fi Blokk A, Town Centre, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa, matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

It-22 ta' Awissu, 2006

AĠENZIJA SAPPORT

The Chief Operations Officer of Aġenzija Sapport of the Foundation for Social Welfare Services within the Ministry for the Family and Social Solidarity notifies that:-

Sealed tender documents will be received in the tender box at the Agency's Offices at Block A, Town Centre, Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa, up to 10.00 a.m. of Friday, 22nd September 2006, for:-

Advt. No. 1/2006. Supply and installation of hydraulic lift at House 19, Triq il-Madonna tal-Grazzja, Cospicua.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Tender documents may be collected from the Agency's Offices at Block A, Town Centre, Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa, during normal office hours.

22nd August, 2006

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali Saħħa jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 82/06. Sistema ta' ventilazzjoni.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 83/06. Saqqijiet għal sodod *egerton*.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. R27/06. Ktieli ta' l-elettriku.

Il-formoli ta' l-offerti u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima tal-Provvisti, Bini tas-Servizzi Mediċi, Pjazza San Luqa, Guardamangia, mit-8.00 a.m. san-12.30 p.m.

It-22 ta' Awissu, 2006

HEALTH DIVISION

The Director General Health notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 13th September, 2006, for:-

Advt. No.82/06. Ventilation system.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 20th September, 2006, for:-

Advt. No. 83/06. Mattresses for egerton beds.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 27th September, 2006, for:-

Advt. No. R27/06. Electric kettles.

Forms of tenders and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Health Division, Supplies Section, Medical Stores Building, St. Luke's Square, Guardamangia, from 8.00 a.m. to 12.30 p.m.

22nd August, 2006

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2006 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewti-ċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. PFI Nru. 2517. *Chloramphenicol 250mg capsules/tablets.*
Kwot. PFI Nru. 2518. *Isoniazid 100mg tablets.*
Kwot. PFI Nru. 2519. *Phenytoin sodium 100mg caps.*
Kwot. PFI Nru. 2520. *Mianserin 10mg tabs.*

Il-*PFI's* imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-22 ta' Awissu, 2006

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Friday, 1st September 2006 for:-

Quot. PFI No. 2517. Chloramphenicol 250mg capsules/tablets.
Quot. PFI No. 2518. Isoniazid 100mg tablets.
Quot. PFI No. 2519. Phenytoin sodium 100mg caps.
Quot. PFI No. 2520. Mianserin 10mg tabs.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

22nd August, 2006

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-12 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. MCH 181/2006. Xiri ta' *personal computers, printers* u *PC peripherals* għall-Isptar Monte Karmeli.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. MCH 182/2006. Xiri ta' *fibre optic cable* u tagħmir ieħor għall-Isptar Monte Karmeli.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. MCH 183/2006. Xiri ta' *passive equipment* for għall-Isptar Monte Karmeli.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. MCH 184/2006. Xiri ta' *active equipment* for għall-Isptar Monte Karmeli.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF HEALTH

The Director General (Health) notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Tuesday, 12th September, 2006, for:-

Advt. No. MCH 181/2006. Purchase of personal computers, printers and PC peripherals for Mount Carmel Hospital.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. MCH 182/2006. Purchase of fibre optic cable and other equipment for Mount Carmel Hospital.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. MCH 183/2006. Purchase of passive equipment for Mount Carmel Hospital.

A fee of Lm15 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. MCH 184/2006. Purchase of active equipment for Mount Carmel Hospital.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Avviż Nru. MCH 185/2006. Estensjoni tan-*network* fl-Isptar Monte Karmeli.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' dawin l-offerti jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Accounts, Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Qabel ma jingħabru d-dokumenti ta' l-offerta, offerenti prospettivi għandhom iħallsu fl-uffiċċju tad-Direttur tal-Finanzi u Amministrazzjoni, Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard.

It-22 ta' Awissu, 2006

Advt. No. MCH 185/2006. Extension of existing network at Mount Carmel Hospital.

A fee of Lm15 is to be paid for each copy of tender document.

Forms of tenders and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Accounts Section, Mount Carmel Hospital, Triq Notabile, Attard from 8.00 a.m. to noon.

Before collecting the tender documents, prospective tenderers are to pay the Director Finance and Administration Office, Mount Carmel Hospitel, Notabile Road, Attard.

22nd August, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-12 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin f'*envelopes* indirizzati minn qabel fil-Kaxxa ta' l-Offerti, ħdejn it-Taqsima tas-Servizzi Finanzjarji (Kamra 130), Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, għal:-

Avviż Nru. F.S.B. 11/06 Xiri ta' skrivaniji u siġġijiet tubulari għal diversi skejjel.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-14 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin f'*envelopes* indirizzati minn qabel fil-Kaxxa ta' l-Offerti, ħdejn it-Taqsima tas-Servizzi Finanzjarji (Kamra 130), Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, għal:-

Avviż Nru. F.S.B. 12/06. Provvista, konsenja u kummissjunar ta' *computer controlled laser cutter/engraving machine*.

Avviż Nru. F.S.B. 13/06. Provvista, konsenja u kummissjunar ta' *computer controlled routing machine*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mis-Servizzi Finanzjarji, Kamra 137 tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

It-22 ta' Awissu, 2006

EDUCATION DIVISION

The Director of Education notifies that:-

Sealed tenders will be received in the ready-addressed envelope and deposited in the Tender Box, located near the Financial Services Branch (Room 130), Education Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 12th September, 2006, for:-

Advt. No. F.S.B. 11/06 Purchase of tubular desks and chairs for various schools.

A fee of Lm10 is to be paid upon collection of tender document.

Sealed tenders will be received in the ready-addressed envelope and deposited in the Tender Box, located near the Financial Services Branch (Rm 130), Education Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Thursday, 14th September, 2006, for:-

Advt. No. F.S.B. 12/06. Supply, delivery and commissioning of a computer controlled laser cutter/engraving machine.

Advt. No. F.S.B. 13/06. Supply, delivery and commissioning of a computer controlled routing machine.

A fee of Lm10 is to be paid upon collection of tender document.

Tenders should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Financial Services, Room 137 of the Education Division, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

22nd August, 2006

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-5 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 68-06. Provvista u stallazzjoni ta' *electrical switchgear* prinċipali għall-Iskejjel tal-Guardian Angel u Adelaide Cini, il-Ħamrun.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Settembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 69-06. Provvista u stallazzjoni ta' *computer hardware* għall-blokk il-ġdid fl-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, in-Naxxar.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta/kwotazzjoni għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel l-offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-22 ta' Awissu, 2006

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday 5th September, 2006, for:-

Advt. No. FTS 68-06. Supply and installation of main electrical switchgear for Guardian Angel and Adelaide Cini Schools, Ħamrun.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday 6th September, 2006, for:-

Advt. No. FTS 69-06. Supply and installation of computer hardware for the new block at Giovanni Curmi Higher Secondary School, Naxxar.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

22nd August, 2006

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf li:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Kwot. Nru. Qt 13/2006. Provvista ta' biljetti ta' l-ajru *(group bookings).*
Malta - London (Gatwick) - Malta, tluq 9 ta' Settembru 2006 ritorn 16 ta' Settembru 2006
Malta - London (Heathrow) - Malta, tluq 1 ta' Marzu 2007 ritorn 6 ta' Marzu 2007

Il-kwotazzjonijiet kollha għandhom jiġu sottomessi f'*envelope* magħluq. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke, Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-kwotazzjonijiet kollha jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat ta' l-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Pembroke jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha, anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

It-22 ta' Awissu, 2006

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Friday, 1st September 2006, for:-

Quot. No. Qt. 13/2006. Supply of air tickets (group bookings).
Malta - London (Gatwick) - Malta, depart 9th September 2006 return 16th September 2006
Malta - London (Heathrow) - Malta, depart 1st March 2007 return 6th March 2007

All quotations are to be submitted in sealed envelopes. Further information may be obtained from the Pembroke Local Council's Administrative Office, Triq Alamein, Pembroke, during office hours.

Quotations will be opened in public after the closing time stipulated.

The Pembroke Local Council reserves the right to reject any quotation or part there of, even the most advantageous.

22nd August, 2006

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali Żebbuġ (Għawdex) jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. ZGLC 03/06-07. Provvista ta' konkos.

Avviż Nru. ZGLC 04/06-07. Xogħlijiet ta' konkos f'inħawi mwessa' ta' Triq Għajn Mhelhel, iż-Żebbuġ.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokumenti ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerti u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Knisja, iż-Żebbuġ. L-offerti jinfetħu quddiem il-pubbliku mad-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar vantaġġjuża.

It-22 ta' Awissu, 2006

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Żebbuġ (Gozo) Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Office up to 9.00 a.m. of Friday, 1st September 2006, for:-

Advt. No. ZGLC 03/06-07. Supply of concrete.

Advt. No. ZGLC 04/06-07. Concrete works in widened areas of Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ.

A fee of Lm10 should be paid for each copy of tender documents.

Tender documents and further information may be obtained from the Council's Administrative Office at Triq il-Knisja, Żebbuġ. Offers will be opened in public at the closing date and time.

The Council reserves the right to reject any offer, even the most advantageous.

22nd August, 2006

KUNSILL LOKALI MSIDA

Il-Kunsill Lokali Msida jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Settembru 2006 jintlaqgħu offerti magħluqin għall-bini tal-post tal-Kunsill Lokali Msida fi Triq il-Wied, l-Imsida.

L-ispeċifikazzjonijiet relattivi u dokumenti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. L-offerti jistgħu jinġabru fuq ħlas nominali ta' Lm125 u jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Msida mhux marbut li jaċċetta l-anqas offerta li jirċievi.

It-22 ta' Awissu, 2006

MSIDA LOCAL COUNCIL

The Msida Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 22nd September 2006, for the construction of the Msida Local Council's premises at Triq il-Wied, Msida.

The relative specifications and documents may be withdrawn from the Council's Administrative Office. Tenders may be collected against a nominal fee of Lm125 and will be opened in public immediately after closing time.

The Msida Local Council is not bound to accept the lowest tender received.

22nd August, 2006

KUNSILL LOKALI FGURA

Il-Kunsill Lokali Fgura jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, l-4 ta' Settembru 2006, jinlaqgħu offerti magħluqin fil-kaxxa ta' l-offerti apposta fil-Kunsill Lokali, għal:-

Avviż Nru. INS-17-06(B). *Insurance cover* għall-Kunsill Lokali Fgura.

Skond il-Proċeduri tal-Kunsill Lokali KLP 1/96 (P1. 15a u b). Kopja ta' dawn il-proċeduri u *statements* finanzjarji għas-sena li tispiċċa fil-31 ta' Marzu 2006 jistgħu jinxtraw mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. L-*insurance cover* għandu jibda fl-1 ta' Novembru 2006 għal perjodu ta' sena. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jġedded l-*insurance cover* sa perjodu ta' tliet snin fuq bażi ta' kull sena.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. CL-17-06. Organizzazzjoni ta' lezzjonijiet tal-*computer*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. CM-17-06. Servizzi ta' *Contract Manager* għall-kuntratti li ġejjin:
Knis u tindif ta' triq;
ġbir ta' skart tad-djar u kummerċjali;
ġbir ta' skart goff;
manutenzjoni ta' sinjali tat-traffiku u *markings;*
tindif u manutenzjoni ta' *soft areas*.

FGURA LOCAL COUNCIL

The Fgura Local Council notifies that:-

Sealed tenders are to be deposited in the appropriate tender box at the Local Council by not later than noon of Monday, 4th September 2006, for:-

Advt. No. INS-17-06(B). Insurance cover for the Fgura Local Council.

In line with the Local Council's Procedures KLF 1/96 (P1.15a and b). A copy of these procedures and financial statements for year ending 31st March 2006 can be purchased from the Local Council's office. Insurance cover is to start from 1st November 2006 for a period of one year. The Council reserves the right to renew this insurance cover up to a period of three years on a yearly basis.

A fee of Lm5 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. CL-17-06. Organisation of computer lessons.

A fee of Lm15 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. CM-17-06. Services of Contract Manager for the following contracts:
Street sweeping and cleaning;
collection of household and commercial waste;
collection of bulky refuse;
maintenance of traffic signs and markings;
cleaning and maintenance of soft areas.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. PW-17-06. Xogħlijiet ta' traqqigħ.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

It-22 ta' Awissu, 2006

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. PW-17-06. Patching works.

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

The Council reserves the right to refuse the most advantageous offer.

22nd August, 2006

KUNSILLI LOKALI SANNAT

Il-Kunsilli Lokali Sannat jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2006, fl-Uffiċċju Amministrattiv, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot Nru. 03/2006 Servizz ta' *Child minder* waqt it-transport ta' l-iskola primarja għas-sena skolastika 2006/2007.

Kwot Nru: 04/2006 Servizz ta' trasport għat-tfal ta' l-iskola primarja għas-sena skolastika 2006/2007.

Id-dokumenti relevanti jistgħu jinġabru mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-kwotazzjonijiet jinfetħu fil-pubbliku fil-ħin u d-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-22 ta' Awissu, 2006

SANNAT LOCAL COUNCIL

The Sannat Local Councils notifies that:

Sealed quotations will be received at the administrative office up to noon on Friday, 1st September, 2006 for:

Quot No. 03/2006 Service of a Child minder during primary school transport for the scholastic year 2006/2007.

Quot No. 04/2006 Service of transport for primary school for the scholastic year 2006/2007.

Relevant documents may be collected from the administrative office during office hours.

Quotations will be opened in public on the time and closing date.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous one.

22nd August, 2006

KUNSILL LOKALI ĦAŻ- ŻEBBUĠ

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ (Malta) jgħarraf li:-

Sa 11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru 2006, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin għall-kisi mill-ġdid ta' Triq Serafin Tanti.

Id-dokumenti meħtieġa jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill fi Triq l-Isqof Caruana, Ħaż-Żebbuġ, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke dik l-aktar waħda vantaġġjuża.

Ix-xogħol irid jinbeda sa 15-il ġurnata wara l-għażla ta' l-offerta.

It-22 ta' Awissu, 2006

ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

The Żebbuġ (Malta) Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Office by not later than 11.00 a.m. of Friday, 1st September 2006, for resurfacing of Triq Serafin Tanti.

Tender documents can be obtained from the Council's Administrative Office at Triq l-Isqof Caruana, Żebbuġ, from Monday to Friday, between 9.00 a.m. and 11.30 a.m.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

Resurfacing work will begin fifteen days after selection of tender.

22nd August, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1243

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Awissu 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 1256/02 JA, fl-ismijiet Mixer Limited ġa Planka Limited et, vs Gaffarena Joseph et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Emmanuel Gaffarena, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, Ċitazzjoni Numru 1256/02 JA, deċiża fis-26 ta' Ottubru 2005, fl-ismijiet Mixer Limited ġa 'Planka Limited, u Sebastian u Maria konjugi Dalli vs Joseph u Carmen konjugi Gaffarena u Emmanuel sive Wally Gaffarena, ir-rikorrenti atturi Mixer Limited, ġa 'Planka Limited u Sebastian u Maria konjugi Dalli esponew umilment:

1. Illi permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata fis-6 ta' Novembru 2002, l-atturi ppremettew illi permezz ta' kawża fl-ismijiet Joseph u Carmen konjugi Gaffarena vs Mixer Limited, il-konvenuti konjugi Gaffarena qegħdin jallegaw l-eżistenza ta' skrittura datata 4 ta' Ġunju 1991, allegatament iffirmata bejn Joseph Gaffarena u l-konvenut l-ieħor Emmanuel sive Wally Gaffarena għan-nom tas-soċjetà attriċi, liema skrittura għadha però sa issa qatt ma ġiet esebitita fl-orginal tagħha; illi l-iskop ta' tali skrittura kien illi s-soċjetà attriċi tikkostitwixxi ruħha debitriċi fil-konfront tal-konjugi Gaffarena fis-somma ta' sitt mitt elf lira Maltin (Lm600,000) li ġiet deskritta bħala shareholder's loan elargit fiż-żmien illi Joseph Gaffarena kien azzjonista u direttur tas-soċjetà attriċi;

...Omissis...

Illi bħala riżultat tal-kreditu fittizju simulat mill-konvenut Joseph Gaffarena u mill-konvenut Emmanuel sive Wally Gaffarena għan-nom tas-soċjetà attriċi, is-soċjetà attriċi ġiet imtaqqla bi djun li mhumiex tagħha,

...Omissis...

u għalhekk talbu lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex;

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew frodi a skapitu ta' l-atturi;

2. Tiddikjara li l-atturi soffrew danni bħala riżultat ta' tali frodi u tilliwida tali danni;

3. Tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom iħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż legali, bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa in subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-liġi;

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 7th August 2006, in the records of the Writ of Summons number 1256/02 JA, in the names Mixer Limited previously Planka Limited et, vs Gaffarena Joseph et, ordered the following publication for the purpose of service of Emmanuel Gaffarena, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, Writ of Summons Number 1256/02 JA, decided on the 26th October 2005, in the names Mixer Limited previously Planka Limited, and Sebastian and Maria spouses Dalli vs Joseph and Carmen spouses Gaffarena and Emmanuel sive Wally Gaffarena, the applicant plaintiff Mixer Limited, previously Planka Limited and Sebastian and Maria spouses Dalli humbly pleaded:

1. That in virtue of a writ of summons filed on the 6th November 2002, the plaintiffs premised that by means of a cause in the names Joseph and Carmen spouses Gaffarena vs Mixer Limited, the defendants spouses Gaffarena are alleging the existence of a writing dated 4th June 1991, allegedly signed between Joseph Gaffarena and the other defendant Emmanuel sive Wally Gaffarena on behalf of the plaintiff company, which writing however has not till now been exhibited in its original form; that the purpose of thesaid writing was that the plaintiff company constitutes itself a debtor towards the spouses Gaffarena in the amount of six hundred thousand Maltese Liri (Lm600,000) which was described as a shareholder's loan made at the time that Joseph Gaffarena was a shareholder and director of the plaintiff company

...Omissis...

That as a result of the fictitious credit simulated by the defendant Joseph Gaffarena and by the defendant Emmanuel sive Wally Gaffarena on behalf of the plaintiff company, the plaintiff company was burdened with debts which do not belong to it,

...Omissis...

and thus asked the Honourable First Halll Civil Court so that;

1. It declares that the defendants or either of whom committed fraud to the detriment of the plaintiffs;

2. Declare that the plaintiffs suffered damages as a result of this fraud and liquidate the damages;

3. To order the defendants or either of whom to pay the plaintiffs the damages so liquidated .

With interest and legal expenses, the defendants are summoned so that a reference to their evidence be made, and saving any other action at law;

2. Illi permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet preżentata mill-konvenuti konjugi Gaffarena fit-22 ta' Jannar 2003, ġie eċċepit illi preliminarjament Dr. Gianfranco Gauci għandu jipprova bla ombra ta' dubju l-mandat li huwa għandu biex jistitwixxi l- proċedura odjerna kif ukoll li huwa jaf di xjenza proprja l-fatti tal-kawża; illi bla preġudizzju l-esponenti jeċċepixxu l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili; illi bla preġudizzju l-konvenuti għandhom jiġu liberati minn l-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront ta' l-attur Sebastian u Maria konjugi Dalli stante illi l-konvenuti Gaffarena m' għandhom ebda relazzjoni ġuridika magħhom

...Omissis...

3. Illi inoltre wara li ngħatat is-sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża msemmija fir-raba' eċċezzjoni tal-konjugi Gaffarena, l-istess konvenuti appellati konjugi Gaffarena qajmu l-eċċezzjoni ulterjuri tar-resjudikata;

4. Illi nhar is-26 ta' Ottubru 2005, ingħatat sentenza li permezz tagħha tali eċċezzjoni ulterjuri ġiet akkolta u t-talbiet attriċi kollha respinti bl-ispejjeż kontra l-istess atturi u dana wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat;

Illi l-konvenut permezz ta' l-eċċezzjoni ulterjuri msemmija qed jeċċepixxi res judikata a bażi tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell illi ngħatat fil-mori tal-kawża u cioé fis-16 ta' April 2004.

Din is-sentenza kkonfermat dik tal-Prim' Awla mogħtija fis-26 ta' April 2000, fejn il-Qorti kienet laqgħet it-talba ta' l-atturi Gaffarena (konvenuti fil-kawża odjerna) biex is-soċjetà Mixer Limited tiġi kkundannata tħallas is-somma indikata fiċ-ċitazzjoni a bażi ta' skrittura bejn l-partijiet ta' l-4 ta' Ġunju 1991. Waħda mill-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta fil-kawża (u allura l-atturi f'dik odjerna) kienet tirrigwarda l-veraċità ta' din l-iskrittura.

L-iskop tal-prinċipju tar-resjudikata hu evidenti u cioé li l-Leġislatur ħass li ma jistax ikun hemm stat ta' inċertezza indefinita fejn jidħlu kwistjonijiet ta' drittijiet akkwisiti wara proċess ġudizzjarju.

...Omissis...

Hu magħruf li r-rekwisiti biex l-eċċezzjoni tirnexxi huma tlieta u cioé l-identità tal-persuni, tat-talba u ta' l-oġġett – eadem personae, eadem res, eadem causa petendi. Għalhekk kull eżami dwar din l-eċċezzjoni għandha bżonn ta' indaġini ta' dawn it-tliet fatturi.

F'din il-kawża ma hemmx kwistjoni dwar l-identità tal-partijiet. Il-kwistjonijiet l-oħra huma ftit iktar ikkumplikati, madankollu meta wieħed jeżamina t-talbiet fiż-żewġ kawżi jsiru aktar sempliċi. Fil-kawża ġa deċiża l-konvenuti odjerni

2. That by means of a note of pleas filed by the defendants 1spouses Gaffarena on the 22nd January 2003, it was pleaded that in the first place, Dr. Gianfranco Gauci is to prove without any doubt the mandate he has to institute the present procedure as well as that he personally knows the facts of the case; that without prejudice the applicants plead prescription in terms of Article 2154 of the Civil Code; that without prejudice the defendants are to be freed from the observance of the judgement towards the plaintiff Sebastian and Maria spouses Dalli, since the defendants Gaffarena have no juridical relationship with them

...Omissis...

3. That furthermore following judgement by this Honourable Court of Appeal in the cause mentioned the fourth plea of the spouses Gaffarena, the same respondent defendants Gaffarena raised the further plea of res judicata,

4. That on the 26th October 2005, a judgement was given in virtue of which the said further plea was upheld and the plaintiff's demands were rejected with costs against the same plaintiffs and this after the Court of First Instance considered;

That the defendant by means of the further plea mentioned pleaded res judicata on the basis of the judgement of the Court of Appeal which was given during the proceedings on the 16th April 2004.

This judgement confirmed that of the First Hall given on the 26th April 2000, whereby the Court upheld the demand of the plaintiffs Gaffarena (defendants in the present cause) so that the company Mixer Limited be condemned to pay the sum indicated in the writ of summons on the basis of the writing between the parties of the 4th June 1991. One of the pleas of the defendant company in the cause (and thus the plaintiffs in the present one) concerned the truthfulness of the writing.

The purpose of the principle of res judicata is evident and that is that the Legislator felt that there cannot be a state of indefinite certainty where there are disputes regarding rights acquired following a judicial process.

...Omissis...

It is known that the requisites in order that the plea succeed are that is the identity of the person,of the demand and of the object- eadem personae, eadem res, eadem causa petendi. Thus every examination, regarding this plea requires an examination of these three factors.

In this cause there is no question regarding the identity of the parties. The other disputes are slightly more complicated, however when one examines the demands in both causes become more simple. In the cause already decided the present

talbu ħlas a bażi ta' l-iskrittura ta' 4 ta' Ġunju 1991. Hemmhekk Mixer Limited eċċepiet il-veraċità ta' l-iskrittura. Għalkemm b' mezzi mhux eżattament orotodossi f'kawżi fil-Qrati Superjuri iżda ċertament legali u sanċiti bħala tali mill-Qorti tal-Appell

...Omissis...

F'din il-kawża l-istess soċjetà Mixer Limited qed titlob dikjarazzjoni tal-Qorti illi permezz ta' dik l-iskrittura l-konvenuti Gaffarena kkommettew frodi fil-konfront tagħhom. Dan jidher ampjament mid-diċitura taċ-ċitazzjoni għalkemm ma jissemmix fit-talbiet

...Omissis...

Kif ġa ngħad f'dan il-każ l-adeżjoni tal-Qorti għat-talba ta' l-atturi fil-kawża in kwistjoni tfisser neċessarjament iċ-ċaħda ta' l-eċċezzjonijiet kollha u waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet tikkostitwixxi l-bażi tat-talba attriċi fil-kawża odjerna.

5. Illi l-atturi iħossu ruħhom aggravati minn tali sentenza u permezz tal-preżenti rikors ta' appell qegħdin jinterponu umli appell minnu. L-aggravji tagħhom huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;

I Illi l-ewwel rekwiżit sabiex tintlaqa' eċċezzjoni ta' resjudikata huwa li s-sentenza ċitata bħala ġudikat tkun mogħtija bejn l-istess partijiet; eċċezzjoni simili ma tistax tintlaqa' fil-konfront ta' atturi li ma jkunux ipparteċipaw fil-proċeduri li wasslu għall-ġudikat ċitat, u ma tistax tiffavorixxi l-anqas konvenuti li ma kenux parteċipi f'tali proċeduri;

6. Illi l-ewwelnett l-esponenti jibdew billi jistqarru li jinsabu perplessi ħafna bis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla u li minnha qiegħed isir dan l-appell, u dan għar-raġuni li l-ewwel Qorti mhux biss skartat l-ewwel u l-aqwa argument imressaq waqt it-trattazzjoni orali, talli ddikjarat illi tali argument ma tressaqx. L-avukat sottoskritt ittratta l-eċċezzjoni in kwistjoni fl–ewwel lok b'riferenza għar-rekwiżiti ċitati mill-ewwel Qorti stess, u cioé ta' l-eadem personae, eadem res, eadem causa petendi u ssottometta li ma jistax ikollok res judicata fejn għandek atturi li ma kenux partijiet fil-kawża ċitata u konvenuti li wkoll ma kinux partijiet f'tali proċeduri

...Omissis...

7. Illi l-konjugi Dalli permezz taċ-ċitazzjoni fuq imsemmija ressqu talba ġudizzjarja, flimkien mas-soċjetà Mixer Limited, għall-kundanna tal-konvenuti għall-ħlas ta' danni li sofrew konsistenti fi tnaqqis ta' valur ta' l-ishma minnhom akkwistati fis-soċjetà Mixer Limited. Jiġi sottomess umilment illi ladarba l-konugi Dalli, personalment, ma kienux partijiet fil-proċeduri ċitati mill-kontroparti, qatt ma tista' tiġi milqugħa eċċezzjoni

defendants demanded payment on the basis of the writing of the 4th June 1991. There Mixer Limited pleaded the truthfulness of the writing. Although using means which arenot orthodox in the Superior Courts but certainly legal and sanctioned as such by the Court of Appeal

...Omissis...

In this cause the same company Mixer Limited is asking for a Court declaration that in virtue of that writing the defendants Gaffarena committed fraud in their regard. This appears clearly from the wording of the writ of summons although not mentioned in the demands

...Omissis...

As already stated in this case the upholding by the Court to he plaintiff's demands necessarily means the rejecting of all the pleas and one of these pleas constitutes the basis of the plaintiff's claim in the present cause.

5. That the plaintiffs felt aggrieved by this judgement and by means of the present application of appeal are humbly filing an appeal therefrom.Their grievances are clear and manifest and consist in the following;

I. That the first requisite in order that the plea of res judicata be upheld is that the judgement cited as final be given between the same parties; similar plea cannot be upheld towards the plaintiffs who have not participated in the procedures which brought about the judgement mentioned, and also cannot favour the defendants who are not parties to these procedures;

6. That in the first place the applicants start by declaring that they are very perplexed by the judgement given by the Honourable First Hall and from which this appeal is being made, and this for the reason that the Court of First Instance not only avoided the first and best argument brought forward during the oral pleadings , but it declared that this argument was not brought forward. The Lawyer undersigned treated the plea in question, in the first place by referring to the requisites mentioned by the Court of First Instance itself, and that is of the eadem personae, eadem res, eadem causa petendi and submitted that you cannot have res judicata where you have plaintiffs who are not parties in the cause mentioned and defendants who are not parties in these procedures,

...Omissis...

7. That the spouses Dalli by means of a writ of summons above mentioned brought forward a judicial demand, together with the company Mixer Limited, for the condemnation of the defendants for the payments of damages which they suffered consisting in the diminishing of the value of the shares acquired by them in the company Mixer Limited. It is humbly submitted that once the spouses Dalli, were not personally

ta' resjudikata fil-konfront tagħhom;

8. Illi s-sitwazzjoni ta' Mixer Limited hija kemmxejn differenti għaliex huwa minnu li ngħatat sentenza kontra Mixer Limited (li dwarha iktar 'l isfel) Madanakollu, l-azzjoni kif intavolata wkoll kontra Emmanuel sive Wallace Gaffarena, li qatt ma pparteċipa fil-proċeduri ċitati (stante li saret talba għall-kjamata in kawża tiegħu li qatt ma ġiet eżegwita) ma tistax tiġi miċħuda fuq bazi ta' resjudikata meta qatt ma ngħata sentenza la favur u lanqas kontra Emmanuel sive Wally Gaffarena;

9. Illi apparti l-mertu tal-każ jiġi sottomess illi sentenza mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti, fuq dan il-punt, tmur kontra l-prinċipji bażiċi ta' l-istitut tar-resjudikata, u jeħtieġ illi l-proċeduri jiġu sanati sabiex ma jiġix stabbilit preċedent perikoluż;

II. lli fil-mertu, l-esponenti ma jaqblux illi s-sentenza ċitata ddirimiet il-kwistjonijiet li a bażi tagħhom ġiet intavolata l-kawża odjerna; il-fatt li kien hemm eċċezzjoni ta' natura ġenerika ta' frawdolenza li ġiet maqtugħa fin-nuqqas ta' dehra tal-parti li eċċepietha ma jfissirx illi kull frawdolenza hija ipso jure eskluża, u wieħed irid jara jekk hemmx sentenza li effettivament indirizzat l-istess kwistjonijiet;

10. Illi għalkemm l-esponenti jistgħu jaqblu li ngħata s-sentenza bejn partijiet differenti a bażi ta' eadem res, l-esponenti ma jistgħux jaqblu li kienet l-eadem causa petendi; l-esponenti jissottomettu li biex wieħed jikkonkludi li kien hemm causa petendi, li ġiet deċiża, it-termini ta' tali causa petendi jridu jkunu ċari, billi causa petendi bbażata fuq binarji differenti mhijiex milquta bil-ġudikat

...Omissis...

III. Illi l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili nnifsu fis-subinċiż (1) ta' l-artikolu 811, jipprevedi sitwazzjoni fejn dokument jiġi dikjarat falz wara li tkun ingħatat sentenza a bażi tiegħu, u jipprospetta bażi ta' ritratazzjoni ta' l-ewwel sentenza a bażi tat-tieni sentenza;

...Omissis...

11. Illi l-esponenti jissottometti li f' każ ta' eżitu favorevoli għalihom fil-proċeduri odjerni, ikun hemm bażi ta' ritrattazzjoni a bażi ta' l-artikolu 811(j) tal-Kap. 12 u li kieku l-eċċezzjoni tal-kontroparti kienet fondata, ta' l-artikolu lanqas biss ikun jagħmel sens, għaliex sitwazzjoni simili għal dik prospettata fih l-anqas tkun tista' tinqala'.

...Omissis...

parties in the procedures mentioned by the respondent the plea of res judicata can never be raised against them;

8. That the situation of Mixer Limited is somewhat different because it is true that a judgement was given against Mixer Limited (mentioned later on) However, the action as brought forward against Emmanuel sive Wallace Gaffarena, who never participated in the procedures mentioned (since a demand for his calling into the suit was never executed) cannot be rejected on the basis of res judicata when a judgement was never delivered in favour or against Emmanuel sive Wally Gaffarena;

9. That apart from the merit of the case it is submitted that the judgement given by the Honourable Court of First Instance, on this point, goes against the basic principles of the institute of res judicata, and it is necessary that the procedures, be rectified so that there be not established a dangerous precedent.

II. That as regards the merit the applicants do not agree that the judgement mentioned resolved all the disputes on the basis of which this cause was filedġ the fact that there was a plea of a generic nature of fraud which was decided following the default of the pleading party, does not means that every fraud is ipso jure to be eluded, and one sees whether there is a judgement which effectively treated the same disputes;

10. That although the applicants can agree that judgement was delivered between different parties on the basis of the eadem res, the applicants cannot agree that it was the eadem causa petendi; the applicants submitted that in order to conclude that there is a causa petendi, which was decided, the terms of the said causa petendi have to be clear, as the causa petendi based on different lines is not covered by the judgement

...Omissis...

III. That the Code of Organisation and Civil Procedure itself subarticle (1) of article 811, contemplates a situation whereby a document is declared false after a judgement is delivered on its basis, and prospects a basis for new trial of the first judgement on the basis of the second judgement,

...Omissis...

11. That the applicants submit that in case of a favourable exit for them in the present procedures, there shall be a basis for a new trial on the basis of article 811(j) of Cap. 12 and if the plea of the respondent was founded, the said article would not have made sense, because a similar situation to that prospected cannot arise.

...Omissis...

Għaldaqstant l-esponenti atturi appellanti, filwaqt li jagħmlu umli referenza għall-provi prodotti u dawk produċi bili skond il-liġi f'dan l-istadju ta' l-appell, umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, jogħġobha tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar is-26 ta' Ottubru 2005, fl-ismijiet Mixer Limited, ġia Planka Limited, u Sebastian u Maria konjugi Dalli vs Joseph u Carmen konjugi Gaffarena u Emmanuel sive Wally Gaffarena, Ċitazzjoni Numru 1256/2002 JA, billi tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri mressqa mill-konvenuti Joseph u Carmen konjugi Gaffarena relattivament għar-resjudikata, u għalhekk tirrinvija l-atti lura lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex il-kawża fl-ismijiet premessi tkompli tinstema' skond il-liġi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Appellati: Emmanuel Gaffarena,
62, Triq San Ġorġ,
Paola.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 17 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus the plaintiffs appellants, whilst humbly referring to the proof produced and those which can be brought forward according to law, at this stage of appeal, humbly submits that this Honourable Court of Appeal , revokes, annuls and cancels the judgement of the Honourable First Hall Civil Court, given on the 26th October 2005, in the names Mixer Limited, previously Planka Limited, and Sebastian and Maria spouses Dalli vs Joseph and Carmen spouses Gaffarena and Emmanuel sive Wally Gaffarena, Writ of Summons Number 1256/2002 JA, by rejecting the further pleas brought forward by the defendants Joseph and Carmen spouses Gaffarena relative to the res judicata, and thus send back the acts to the Honourable First Hall Civil Court so that the cause in the names premised can continue according to law, with the costs of both instances against the respondent defendants.

Respondents: Emmanuel Gaffarena
62, St. George's Street,
Paola.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 17th August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1244

Ikun jaf kulħadd li fuq parir tal-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern, l-E.T. il-President ta' Malta ħafer l-interdizzjoni ġenerali għal ħames snin li kienet ġiet imposta fuq:

Philip Attard ta' 38 sena iben Nazzareno u Helen neé Degiorgio, imwieled Ħal Tarxien nhar l-1 ta' Ottubru 1965 u residenti 7, Carmel Street, Fgura, u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 491065(M);

B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Philip Attard' u dana b'warrant ta' l-14 ta' Frar 2005.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ġiet debitament pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,602 tal-11 ta' Ġunju 2004, Avviż Nru. 1021 u dana a tenur ta' l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, Malta, illum 9 ta' Awissu, 2006

PAUL MIRUZZI
ReġistratuR

It is hereby notified that on the advice of the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, His Excellency the President of Malta pardoned the general interdiction for five years which had been imposed on:

Philip Attard, 38 years old, son of Nazzareno and Helen neé Degiorgio, born in Tarxien on the 1st October 1965 and residing 7, Carmel Street, Fgura, holder of Identity Card number 491065(M);

In virtue of a judgement of the Courts of Magistrates (Malta) on the 24 May 2004 in the name 'The Police vs Philip Attard' and this by warrant dated 14th February 2005.

The judgement of the Courts of Magistrates (Malta) has been duly published in the Government Gazette No. 17,602 dated 11 June 2004 and this in terms of Article 109, Chapter 9 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction, Malta, today the 9th August, 2006

PAUL MIRUZZI
Registrar

1245

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Lulju 2006, fl-atti tar-Rikors Numru 5/05 JC, fl-ismijiet Michael Vella (ID 754338), Rose Vella (ID 755138), Andrew Mamo (ID 482666M), Julian Mamo (ID 341167M) u Rachel Vella (ID 97869M) vs Giovanni Compagnino (ID 9583A) u Marie Louise Compagnino (ID 381860M), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati Giovanni u Marie Louise Compagnino, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, fis-27 ta' Ġunju 2006, fl-atti tar-Rikors Numru RRB 5/05 JC, fl-ismijiet Michael Vella (ID 754338M), Rose Vella (ID 755138), Andrew Mamo (ID 482666M), Julian Mamo (ID 341167M) u Rachel Vella (ID 97869M), ir-rikorrenti Michael Vella et, esponew bir-rispett;

1. Illi b'rikors ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2005, l-esponenti talbu li jiġu awtorizzati ma jġeddux il-lokazzjoni favur l-intimati ta' l-appartament numru 3 Milner Flats, 32, Triq Milner, Tas-Sliema, stante li l-fond , li huwa dekontrollat, ma kienx qed jintuża bħala residenza ordinarja tagħhom u dan bi ksur ta' l-artikolu 5(3) (b) Kap. 158.

2. Illi l-intimati rrispondew fis-sens li huma jikru validament il-fond de quo u li qed jużawh regolarment u ma abbandonawhx.

3. Illi b'sentenza mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2006, il-Bord li Jirregola l-Kera ċaħad it-talba ta' l-esponenti stante li deherlu li mill-provi mressqa ma kienx jirriżulta l-abbandun tar-residenza min-naħa ta' l-intimati.

4. Illi l-esponenti ħassewhom aggravati minn din is-sentenza u qegħdin jinterponu umli appell.

5. Illi l-aggravju prinċipali ta' l-esponenti jikkonsisti fil-fatt li l-Bord ma apprezzax li saru provi suffiċjenti li juru li l-intimati ma baqgħux jużaw il-fond prinċipalment bħala r-residenza ordinarja tagħhom kif jidher mis-segwenti;

(a) il-fatt li r-rikors kellu jiġi innotifikat lil intimati bil-proċ eduri tal-pubblikazzjoni wara diversi tentattivi biex jiġu notifkati bil-posta reġistrata u bil-purtier u wara l-ħinijiet legali.

(b) Ix-xhieda ta' Josianne Farrugia Fenech, in rappreżentanza tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma li xehdet fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2005, li dan l-aħħar sena ma tantx kien hemm konsum , aktar kirjiet u kompliet tgħid li kien hemm ftit li xejn konsum

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 26th July 2006, in the records of the Application Number 5/05 JC, in the names Michael Vella (ID 754338), Rose Vella (ID 755138), Andrew Mamo (ID 482666M), Julian Mamo (ID 341167M) and Rachel Vella (ID 97869M) vs Giovanni Compagnino (ID 9583A) and Marie Louise Compagnino (ID 381860M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Giovanni and Marie Louise Compagnino in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal on the 27th June 2006, in the records of the Application Number RRB 5/05 JC, in the names Michael Vella (ID 754338M), Rose Vella (ID 755138M), Andrew Mamo (ID 482666M), Julian Mamo (ID 341167M) and Rachel Vella (ID 97869M) the applicants Michael Vella et, pleaded with respect;

1. That by means of an application filed on the 13th January 2005, the applicants prayed that they be authorized not to renew the lease in favour of the respondents of the apartment number 3, Milner Flats, 32, Milner Street, Sliema, since the premises which is decontrolled was not used as their ordinary residence and this in violation of article 593) (b) of Cap. 158.

2. That the respondents replied in the sense that they validly hold on lease, the premises de quo and that they are using it regularly and did not abandon it.

3. That in virtue of a judgement given on the 15th June 2006, the Rent Regulation Board rejected the demand of the applicants since it considered that from the proof produced the abandonment of the residence on the part of the respondents did not result.

4. That the applicants felt aggrieved by this judgement and are humbly filing an appeal therefrom.

5. That the principal grievance of the applicants consists in the fact that the Board did not appreciate that sufficient proof was brought forward that the respondents did not continue to use the premises principally as their ordinary residence, as appears from the following;

(a) the fact that the application was to be notified to the respondents by the procedure of publication after various attempts to notify by registered post or usher, after the legal time.

(b) The evidence of Josianne Farrugia Fenech in representation of the Water Services Corporation who gave evidence on the 30th June 2005, that during this last year there was not much consumption, more leases and continued to state that there was very little consumption

...Omissis...

(ċ) Ix-xhieda ta' Noel Scerri in rappreżentanza tal-Maltacom li xehed fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2005. Jirriżulta (wara ftit ta' konfużjoni) li fil-fond de quo Flat 3 Milner Flats, kien hemm biss linja waħda tat-telefon bin-numru 21347150 f' isem Mary Louise Compagnino ID 381860M liema servizz tneħħa fil-11 ta' Frar 2005

...Omissis...

(d) Ix-xhieda ta' Michael Vella mogħtija fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2006, li jamministra il-proprjetà tar-rikorrenti kollha u li joqgħod sitt bibien l-isfel fl-istess triq u li għandu garage taħt il-blokk stess ta' Milner Flats, liema garage juża kuljum

...Omissis...

(e) Ix-xhieda ta' l-intimat Giovanni Compagnino stess, mogħtija fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2006, fejn ammetta li fil-fatt it-tifla kienet xtrat appartament il-Qawra u li hu għandu business fi Triq it-Turisti, Buġibba li huwa ħanut tal-Café u fis-sajf joqoghdu fid-dar tat-tifla

...Omissis...

(6) Illi fl-opinjoni ta' l-esponenti l-prassi li l-intimati jgħixu mat-tifla fis-sajf biss mhix il-verità u ma tirriżultax mill-provi. Fl-opinjoni ta' l-esponenti l-Bord ta wisq importanza l-fatt li l-intimat Giovanni Compagnino ħalla l-karta ta' l-identità tiegħu fuq l-indirizz tal-fond de quo

...Omissis...

(7) Huwa ovvju minn kif xehed l-intimat Giovanni Compagnino li f'dak iż-żmien li xehed ma kienx qed joqgħod Tas-Sliema u dana kien it-23 ta' Marzu 2006 u mhux fis-Sajf.

...Omissis...

(8) Il-bord injora wkoll ix-xhieda, mogħtija fis-seduuta tat-30 ta' Ġunju 2005, minn Josianne Farrugia Fenech in rappreżentanza tal-Korporazzjoni għas-Servizz ta' l-ilma, li dan l-aħħar sena ma tantx kien hemm konsum

...Omissis...

(9) Il-bord injora wkoll ix-xhieda ta' Michael Vella li kkonferma li kien ilu ma jara l-fond okkupat għal żmien twil. Dan ix-xhud joqgħod biss sitt bibien 'l isfel fl-istess triq u għandu garage taħt il-blokk li juża kuljum

...Omissis...

(c) The evidence of Noel Scerri in representation of Maltacom who testified during the sitting of the 30th June 2005. It results (after some confusion) that in the premises de quo Flat 3 Milner Flats there was only one telephone line with number 21347150 in the name of Mary Louise Compagnino ID 381860M which service was removed on the 11th February 2005

...Omissis...

(d) The evidence of Michael Vella given during the sitting of the 23rd March 2006, to administer all the property of the applicants and who lives six doors down in the same street and who has a garage under the same block of Milner Flats, which garage he uses everyday

...Omissis...

(e) The evidence of the respondent Giovanni Compagnino himself, given during the sitting of the 23rd March 2006, whereby he admitted that in fact his daughter had purchased an apartment in Qawra and that he has a business in Tourists Street, Bugibba , which is a Coffee shop and that in Summer he lives at the daughter's home

...Omissis...

(6) That in the opinion of the applicants, the practice that the respondents live with the daughter only in Summer is not the truth and does not result from the proof. In the opinion of the applicants the Board gave too much importance to the fact that the respondent Giovanni Compagnino left his identity card on the address of the premises de quo

...Omissis...

(7) It is obvious that as the respondent Giovanni Compagnino testified, that, at that the time he gave evidence he was not living in Sliema and this was on the 23rd March 2006 and not in Summer

...Omissis...

(8) The Board ignored altogether the evidence given during the sitting of the 30th June 2005, by Josianne Farrugia Fenech in representation of the Water Services Corporation, that during this last year there was not much consumptionÖÖÖ..

...Omissis...

(9) The Board ignored also the evidence of Michael Vella who confirmed that he had not seen the premises occupied for a long time. This witness lives only six doors down in the same street and has a garage under the block he uses every day

...Omissis...

(10) Illi l-liġi tagħti dritt lis-sid jirrifjuta li jġedded il-kirja ta' fond dekontrollat, fost kawżalijiet oħra, jekk l-inkwilin ikun uża l-fond 'xort oħra milli principalment bħala residenza ordinarja tiegħu'. Illi jidher mill-motivazzjoni fis-sentenza attakata li l-Bord ma tantx ta' kas din il-kawżali msemmija fil-liġi u għal raġunijiet li l-esponenti ma jistax jifhem saret riferenza għal Artikolu ieħor fil-Kap. 158 li jitratta dwar x'jiġri meta fond ta' abitazzjoni kien okkupat taħt titolu ta' enfitwesi temporanja u jagħlaq iż-żmien konċess

...Omissis...

(11) Illi l-protezzjoni li l-liġi tagħti lill-inkwilin ta' fond dekontrollat hija differenti ħafna minn dik mogħtija lill-inkwilin ta' fond urban mhux dekontrollat taħt il-Kap. 69. Hija ħafna iżjed ristretta u daħlet riċentement (relattivament) b'emenda li saret fis-sena 1979. Hekk il-ligi tagħti biss id-dritt li l-inkwilin jibqa' jġedded il-kirja ta' fond ta' abitazzjoni (u l-ebda tip ta' fond ieħor) wara li jagħlaq iż-żmien jekk (a) l-inkwilin ikun ċittadin Maltin u (b) juża l-fond bħala r-residenza ordinarja tiegħu. Il-liġi tagħti wkoll dritt lis-sena li jirrevedi l-ammont ta' kera kull ħmistax il-sena skond l-għoli tal-ħajja, ħaġa li mhix possibbli taħt il-Kap. 69. Hekk ukoll il-Kap. 69 tagħti protezzjoni liċ-ċittadini tal-pajjiżi tad-dinja kollha u mhux ta' Malta biss.

(12)Fil-mument li għalqet il-kirja l-intimati kienu jikkwalifikaw biex iġeddu l-lokazzjoni skond iż-żewġ parametri ta' ċittadinanza u residenza ordinarja u għalhekk l-esponenti baqgħu jaċċettaw il-kera u saret ir-reviżjoni wkoll skond il-liġi (u mhux għax aċċettaw l-intimati) wara li għaddew l-ewwel ħmistax il-sena

...Omissis...

(13) Illi l-esponenti jinsistu li fl-iskadenzi tad-9 ta' Frar 2005, l-intimati ma kinux qed jużaw il-fond bħala r-residenza ordinarja tagħhom u li dan in-nuqqas ta' użu kif konfermat minn nuqqas ta' konsum ta' ilma u dawl u tneħħija tal-linja tat-telefon apparti x-xhieda ta' Michael Vella, kienet ilha sejra għal diversi xhur qabel dina d-data u għalhekk l-intimati tilfu d-dritt li jibqgħu jġeddu l-kirja.

(14) Illi l-Bord fis-sentenza mehmuża qed jagħti l-impressjoni li l-intimati kienu jmorru jgħixu l-Qawra fis-Sajf biss u qisu dan kien xi post ta'villeġġatura (meta huwa wisq probabbli li l-fond de quo huwa ħafna iżjed qrib il-baħar minn dak tal-Qawra) u għalhekk fl-opinjoni tal-Bord ma ġietx ippruvata ċerta kontinwità

...Omissis...

...Omissis...

(10) That the law gives the right to the owner to refuse to renew the lease of a decontrolled premises, amongst other reasons, if the lessee had used the premises otherwise than principally as his ordinary residence . That it appears from the reasoning in the judgement which is being challenged that the Board did not give much attention to the reasoning mentioned in the law and for reasons that the applicants cannot understand reference to another Article in Cap. 158 which deals with what happens when a residence is occupied under a title of temporary emphyteusis and the time granted lapses

...Omissis...

(11) That the protection that the law given to the lessee of a decontrolled premises is very different from that given to the lessee of an urban premises which is not decontrolled under Chapter 69. It is much more restricted and has only recently been introduced (relatively) by an amendment which was made in 1979. Thus the law gives only the right to the lessee to continue to renew the lease of a residence (and no other type of residence) after the lapse of the time if (a) the lessee is a Maltese Citizen and (b) uses the premises as his ordinary residence. The law also gives the right to the owner to review the amount of rent every fifteen years according to the cost of living increase, something which is not possible under Cap. 69.Thus also Cap. 69 gives protection to all the citizens of the world and not only those of Malta.

(12) That at the moment that the lease lapsed the respondents had qualified to renew the lease according to the two parameters of citizenship and ordinary residence and thus the applicants continued to accept the rent and a revision was also made according to law (and not because the respondents accepted) after the passing of the first fifteen years

...Omissis...

(13) That the applicants insist that on the lapse of the 9th February 2005, the respondents were not using the premises as their ordinary residence and that this lack of use as confirmed by-the lack of use of consumption of water and electricity and the removal of the telephone line, apart from the evidence of Michael Vella, had been going on for various months before this date and thus the respondents lost the right to continue to renew the lease.

(14) That the Board in the judgement attached is giving the impression that the respondents went to live in Qawra only in Summer and as if this was a summer residence(when it is most probable that the premises de quo is much more near the sea that that of Qawra) and thus in the opinion of the Board a certain continuity was not proved

...Omissis...

(15) Ir-residenza ordinarja ma tiġix stabbilita bl-indirizz fuq il-karta ta' l-identità li kif intqal fuq, hija bbażata fuq dikjarazzjoni unilaterali u l-anqas bil-fatt li wieħed jibqa' jħallas il-kera, u jaċċetta żieda fil-kera (imposta mil-ligi u mhux bi ftehim) u jħallas xi spejjeż tal-kondominju. Iżda mill-fatt li il-fond jintuża regolarment mill-inkwilin għal dan l-iskop, liema użu maġiex ippruvat, anzi kollox juri l-oppost.

(16) Għaldaqstant l-esponenti għal motivi fuq esposti jitolbu bir-rispett kollu li dina l-Qorti (a) tirrevoka s-sentenza mehmuża mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-15 ta' Ġunju 2006, fejn ċaħdet it-talba tagħhom u minflok tilqa' t-talba tagħhom biex jiġu awtorizzati ma jġeddux il-lokazzjoni tal-fond Flat 3, Milner Flats, 32 Triq Milner Sliema, u (b) timmodifika s-sentenza dwar il-Kap tal-ispejjes billi takkorda l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-intimati.

Intimati: Flat 3, Milner Flats, 32 Triq Milner, Tas-Sliema (żewġ notifiki).

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli A.B.R.D) illum 18 ta' Awissu 2006.

AVV.DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(15) The ordinary residence was not established by the address on the identity card which as stated above , is based on the unilateral declaration and not only by the fact that one continues to pay the rent, and accept an increase in rent (imposed by law and not by agreement) and pay any expenses of condominium. But from the fact that the premises is used regularly by the lessee for this purpose, which use was not proved, but everything is showing the opposite.

(16) Thus the applicants for the reasons above exposed pray with all respect that this Court (a) revokes the judgement challenged given by the Rent Regulation Board on the 15th June 2006, whereby it rejected their demand and instead upholds their demand in order that they be authorized not to renew the lease of the premises Flat 3 , Milner Flats, 32, Milner Street, Sliema and (b) modify the judgement regarding the costs by charging the expenses of both instances against the respondents.

Respondents: Flat 3, Milner Flats, 32, Milner Street, Sliema (separate service).

Registry of the Superior Courts (Appeals A.B.R.D) today 18th August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1246

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Mejju 2006, fl-atti tar-Rikors Nru 190/2006 RCP, fl-ismijiet Ketek International Limited (C28581) vs Christals Services Limited (C17272) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Marzu 2006, Rikors Nru 190/06 RCP, fl-ismijiet Ketek International Limited (C28581) vs Christals Services Limited (C17272), ir-rikorrenti Anthony Mifsud ID Nru 503849(M) bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Ketek International Limited, espona bir-rispett u bil-ġurament iddikjara;

1. Illi s-soċjetà attriċi inkarigat lis-soċjetà konvenuta twettaq xogħlijiet ta' Thermal Insulation Spray and Waterproofing u kif ukoll xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' l-istess kif jidher anki mid-dokument anness Dok A;

2. Illi wara xi żmien is-soċjetà attriċi talbet li ssir manutenzjoni tas-saqaf minħabba ħsara li saret fl-istrat ta' materjal sottostanti, liema manutenzjoni kien garantit fil-

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 9th May 2006, in the Records of the Application number 190/2006 RCP, in the names Ketek International Limited (C28581) vs Christals Services Limited (C 17272) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court on the 9th March 2006, Application number 190/06 RCP, in the names Ketek International Limited (C 28581) vs Christals Services Limited (C 17272), the applicant Anthony Mifsud ID number 503849(M) as director in the name and in representation of the company Ketek International Limited, pleaded with respect and declared under oath;

1. That the plaintiff company appointed the defendant company to execute the works of Thermal Insulation Spray & Waterproofing as well as the maintenance works of the same as appears from the document attached Doc A;

2. That following some time the plaintiff company prayed that maintenance works of the roof be made due to damage in the substratum of the underlying material, which maintenance

ftehim bejn il-partijiet;

3. Illi tali ħsarat kienu kkaġunati minħabba li x-xogħlijiet magħmulin mis-soċjetà konvenuta ma kinux saru skond is-sengħa u l-arti u dan kif ġie ċċertifikat mill-Perit George Chetcuti, ir-rapport ta' liema qed jiġi anness u mmarkat bħala Dok B;

……..Omissis……

7. Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment.

Għaldaqstant in vista tal-premess l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. Tiddikjara jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta' periti nominati li x-xogħol ta' Thermal Insulation Spray and Waterproofing magħmul mis-soċjetà konvenuta fil-proprjetà tas-soċjetà attriċi ma sarx skond is-sena' u l-arti.

2. Tiddikjara jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta' periti nominati li l-istess soċetà konvenuta ma wetqitx il-manutenzjoni meħtieġa u miftehma fl-istess ftehim li kien intlaħaq bejn il-partijiet;

3. Tordna lill-istess soċjetà konvenuta sabiex a spejjeż tagħha tagħmel dawk ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex jiġi riparat u/jew magħmul mill-ġdid skond is-sena u l-arti.

……..Omissis……

4. Tawtorizza lis-soċjetà attriċi sabiex fin-nuqqas tas-soċ jetà konvenuta tagħmel hi a spejjez tas-soċjetà konvenuta l-imsemmija xogħlijiet meħtieġa skond id-direzzjoni u taħt direzzjoni u taħt is-superviżjoni ta' l-istess periti nominati.

Salv kwalunque azzjoni oħra ta' danni spettanti lis-soċjetà attriċi fir-rigward.

Bl-ispejjeż kif jingħad fir-rikors.

Ir-Rikors Numru 190/2006 RCP, fl-ismijiet Ketek International Limited (C 28581) vs Christals Services Limited (C17272) jinsab differita għat-3 ta' Ottubru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

was guaranteed in the agreement between the parties;

3. That the said damage was caused due to works made by the defendant company which were not made according to the art and trade and this as certified by Architect George Chetcuti, the report of which is being attached and marked as Doc B;

…….Omissis……

7. That the applicant knows these facts personally.

Thus in view of the premised the plaintiff prays this Honourable Court;

1. To declare if necessary by the appointment of referees that the work of Thermal Insulation Spray & Waterproofing made by the defendant company was not made according to the art and trade.

2. Declare if necessary by the appointment of experts to be appointed that the same defendant company did not carry out the necessary maintenance as agreed in the same agreement which was reached by the parties;

3. To order the same defendant company so that at its expense it carries out the necessary works in order to repair and/or to be made anew according to the art and trade

…….Omissis……

4. To authorize the plaintiff company so that if the defendant company fails to carry out itself at the cost of the defendant company the said works which are necessary under the direction and under the supervision of the appointed architects.

Saving any other action regarding the damages due to the plaintiff in this regard.

With costs as stated in the application.

The Application Number 190/2006 RCP, in the names Ketek International Limited (C 28581) vs Christals Services Limited (C 17272) has been put off to the 3rd October 2006, at 9.00 am.

Registry of the Superior Courts, today 18th August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1247

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Awissu 2006, fl-atti tas-subbasta numru 92/93 fl-ismijiet 'L-Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo għan-nom u in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c ġa Mid-Med Bank Ltd. (C 3177) vs Carmelo Chetcuti bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' Salvatore Estates Limited', ordnat illi r-rikors hawn taħt riprodott jiġi nnotifikat lil Carmelo Chetcuti bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-subbasta numru 92/93 fl-ismijiet:

L-Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo għan-nom u in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c ġa Mid-Med Bank Limited (C 3177)

vs

Carmelo Chetcuti, bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' Salvatore Estates Limited

Rikors tas-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c.

Tesponi bir-rispett:

Illi l-intimat Carmelo Chetcuti huwa debitur tas-soċjetà esponenti fis-somma ta' tmienja u tmenin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin Lira Maltin u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm88,728.91) oltre l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż u dan in forza ta' garanzija mogħti minnu favur is-soċjetà Salvatore Estates Limited u kif kanonizzat b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-30 ta' Mejju 1991 *in re* Avukat Eric Mamo nomine versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine, (Ċitazzjoni numru 6/1991);

Illi, wara li saru diversi tentattivi (mingħajr suċċess) biex l-istess Carmelo Chetcuti jħallas id-debitu mingħajr mas-soċjetà rikorrenti tirrikorri għal proċeduri legali kif ukoll wara li saru diversi mandati eżekuttivi kontra l-istess Carmelo Chetcuti biex is-soċjetà esponenti tottjeni l-ħlas tad-debitu lilha dovut, is-soċjetà esponenti istitwiet proċeduri permezz tas-subbasta numru 92/93 għall-bejgħ tal-fond jismu 'Skorpius', fi Triq l-Ispartani, Blata l-Bajda liema subbasta ġiet appuntata għall-bejgħ finali għat-8 ta' Ġunju 1994;

Illi fil-bejgħ finali l-proprjetà fuq imsemmija nxtrat mis-soċjetà esponenti u ġiet liberata favur tagħha;

Illi naturalment l-interess tas-soċjetà esponenti minn dejjem kien illi terġa' tbiegħ il-proprjetà akkwistata minghand

It is hereby notified that the Civil Court, First Hall by means of a decree of the 3rd August 2006 in the acts of the sale by auction number 92/93 in the names 'Advocate Doctor Henry sive Eric Mamo in the name and on behalf of HSBC Bank Malta p.l.c ġa Mid-Med Bank Ltd. (C 3177) vs Carmelo Chetcuti as Director in the name and on behalf of Salvatore Estates Limited', ordered that the application hereunder reproduced be notified upon Carmelo Chetcuti by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall, Civil Court

In the acts of the sale by auction number 92/93 in the names:

Advocate Doctor Henry sive Eric Mamo in the name and on behalf of HSBC Bank Malta p.l.c ġa Mid-Med Bank Limited (C 3177)

vs

Carmelo Chetcuti as Director in the name and on behalf of Salvatore Estates Limited

On the application of HSBC Bank Malta p.l.c:

Pleads with respect;

Whereas the respondent Carmelo Chetcuti is a debtor of applicant company to the amount of eighty eight thousand seven hundred and twenty eight Maltese Lira and ninety one cents (Lm88,728.91) together with legal interest and expenses and this in virtue of a guarantee given in favour of the company Salvatore Estates Limited as crystallised by a judgment of the Commercial Court of the 30th May 1991 in re Advocate Eric Mamo nomine versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine (Writ number 6/1991);

Whereas, after several (unsuccessful) attempts to recover the debt from Carmelo Chetcuti without resorting to legal action as well as the filing of several executive warrants against the same Carmelo Chetcuti in order for the applicant company to obtain payment of the debt due to it, applicant company started judicial auction proceedings in virtue of the judicial sale number 92/93 for the sale of the tenement named 'Skorpius' in Triq l-Ispartani, Blata l-Bajda which judicial sale was set for final adjudication on the 28th June 1994;

Whereas on the day of the final sale the tenement aforementioned was purchased by applicant company and was adjudicated in its favour;

Whereas naturally the interest of the applicant company was always to re sell the property purchased from its debtor

id-debitur tagħha sabiex jiġi kkumpensat il-bilanċ tad-debitu dovut mill-istess debitur Carmelo Chetcuti;

Illi kważi sena wara u cioè fid-9 ta' Ġunju 1995 ġiet ippreżentata ċitazzjoni mis-suċċessuri ta' ċertu Carmelo Cremona li, wara illi ppremetta kreditu kontra l-konvenuti, l-istess Carmelo Chetcuti personalment kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Salvatore Estates Limited, talbu dikjarazzjoni ta' falliment fil-konfront taż-żewġ konvenuti flimkien ma' data minn meta l-istess konvenuti kellhom jiġu meqjusa illi waqfu jħallsu d-djun (Ċitazzjoni 809/1995 fl-ismijiet "Victoria sive Vivie Cremona et versus Carmelo Chetcuti pro et noe");

Illi fl-10 ta' Ġunju 1997 ġew intavolati proċeduri oħra għal dikjarazzjoni ta' falliment mis-soċjetà esponenti kontra l-istess Carmelo Chetcuti (Ċitazzjoni 1306/1997 fl-ismijiet "Mid-Med Bank p.l.c versus Carmelo Chetcuti") liema proċeduri mbagħad, permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Jannar 1999, ingħaqdu maċ-Ċitazzjoni suċitata Numru 809/1995 sabiex jinstemgħu flimkien;

Illi permezz ta' sentenza *in parte* tat-13 ta' Jannar 2004 il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi fiż-żewġ ċitazzjonijiet in kwantu ddikjarat: illi l-konvenut Carmelo Chetcuti proprio waqaf mill-ħlasijiet tiegħu fid-9 ta' Ġunju 1995 u huwa fi stat ta' falliment b' dan illi ġie nnominat kuratur ta' falliment sabiex jagħmel l-inventarju qabel mal-Qorti tkun tista tgħaddi għad-deċiżjoni finali;

Illi l-konvenuti ntavolaw appell minn dina s-sentenza liema appell ġie ddikjarat abbandunat fit-18 ta' Ottubru 2005 stante nuqqas ta' notifika;

Illi tul dan kollu, għalkemm l-esponenti huwa konoxxenti tal-fatt illi dikjarazzjoni ta' falliment ma tirrendix bejgħ b'subbasta null stante li l-bejgħ sar fuq ordni tal-Qorti u mhux b'att tad-debitur allegatament fallut kif ikkontemplat fl-artikolu 485 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta), il-fatt li l-proċeduri ta' falliment għadhom pendenti qiegħed jippreġudika r-rivendita tal-proprjetà in kwistjoni b'konsegwenza li l-interessi kemm ta' l-esponenti kif ukoll ta' l-istess debitur u kwalunkwe terz akkwirent qegħdin ukoll jiġu ppreġudikati minħabba dubji infondati illi d-dikjarazzjoni ta' falliment tista' b'xi mod tirrendi null ordni tal-Qorti għall-bejgħ b'subbasta;

Illi l-interessi tas-soċjetà esponenti u tal-partijiet kollha kkonċernati ilhom hekk preġudikati għal dawn l-aħħar tnax-il sena u ma jidhirx illi s-sitwazzjoni se tirrisolvi ruħha fil-futur qarib;

Illi għal kull buon fini s-soċjetà esponenti qiegħda presenzjalment tobbliga ruħha li tapproprija kull element ta' profitt li jista' jirriżulta mill-bejgħ tal-propjetà in kwistjoni

in order to set-off against the balance of the debt due from the same debtor Carmelo Chetcuti;

Whereas almost one year later, that is, on the 9th June 1995 a writ was filed by the successors of Carmelo Cremona who, after claiming a credit against the same Carmelo Chetcuti personally as well as as Director in the name and on behalf of the company Salvatore Estates Limited, requested a declaration of bankruptcy against both defendants together with a date from which the same defendants were to be deemed to have ceased to have paid their debts (Writ 809/1995 in the names 'Victoria sive Vivie Cremona et versus Carmelo Chetcuti pro et noe');

Whereas on the 10th June 1997 other proceedings were commenced by applicant company in order to have Carmelo Chetcuti declared bankrupt (Writ 1306/1997 in the names 'Mid-Med Bank p.l.c versus Carmelo Chetcuti') which proceedings were, by means of a decree of this Honourable Court of the 11th January 1999, joined with the Writ aforementioned Number 809/1995 in order to be heard together;

Whereas by means of a partial judgment dated 13th January 2004 the Court admitted plaintiff's demands in both writs insofar as declaring: illi l-konvenut Carmelo Chetcuti proprio waqaf mill-ħlasijiet tiegħu fid-9 ta' Ġunju 1995 u huwa fi stat ta' falliment and thus nominated a curator of bankruptcy in order to carry out an inventory prior to the Court being in a position to pass to final judgment;

Whereas the defendants filed an appeal from this judgment which appeal was declared abandoned on the 18th October 2005 due to lack of notification;

Whereas throughout all of this, although the applicant is aware of the fact that a declaration of bankruptcy does not render a judicial sale null as the sale is effected on an order of the Court and not through an act of the allegedly bankrupt debtor as contemplated by article 485 of the Commercial Code (Cap. 13 of the Laws of Malta), the fact that the bankruptcy proceedings are still pending is prejudicing the re-sale of the property in question with the consequence that the interests of both the applicant and the debtor as well as those of any third party purchaser are also being prejudiced due to the unfounded doubts that a declaration of bankruptcy could in some way render null a court order for judicial sale;

Whereas the interests of applicant company and of all parties concerned have been prejudiced in this way for twelve years and it does not appear that the situation is going to resolve itself in the near future;

Whereas for all intents and purposes the applicant company is herewith binding itself to appropriate all element of profit which might result from the sale of the property in

in riduzzjoni tal-kreditu ta' l-istess Bank wara illi jitnaqqsu l-ispejjeż ta' l-akkwist;

Illi għalhekk is-soċjetà esponenti, kif ukoll id-debitur u kwalunkwe terz akkwirent, għandhom interess illi, għal kull buon fini, jiġi ddikjarat espressament minn dina l-Onorabbli Qorti li l-bejgħ tat-28 ta' Ġunju 1994 permezz tas-subbasta 92/93 ma huwiex kolpit mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 485 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta);

